Marzu 2020 • Vol 27 • Nru. 1

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




pulizija.gov.mt
fb.com/themaltapoliceforce/

Newspaper Post

NEW!

# GelActiv™

# THE GEL COMFORT SENSATION THAT KEEPS YOU GOING

We spend more than half our lives on our feet, putting them under enormous strain. That's why Scholl has now developed an innovative solution that transforms shoes into a comfortable oasis and takes the pressure off your feet, long before they get overtired. Our special insoles with innovative GelActiv technology are available in three different varieties; Everyday, Sport and Work each tailored to meet a different set of needs.




Available form all Scholl Foothealth Centres and pharmacies

**schollfoothealthcentre.com**

Scholl

# Editorjal

Fl-edizzjoni ta' Diċembru ktibt li ninsabu għaddejjin minn żmien turbulenti. Jekk dak kien żmien turbulenti, illum ma nista nsib l-ebda espressjoni li tiddeskrivi l-fażi li qegħdin fiha. Ninsabu f'salib it-toroq u ż-żmien li ġej se jiddetermina liema triq se jaqbad il-Korp. Ikolli ngħid li l-idea ta' bidla ħafna drabi ddarras. "Kif qegħdin nafu...kif ħa nkunu ma nafux". Li hu żgur li kulħadd jixtieq li jkun aħjar, li l-Korp ikun aħjar u li ċ-ċittadin hemm barra jħares lejna b'mod aħjar. Il-bidla jew uffiċjalment magħrufa aħjar bhala r-riforma tidher li rieqsa viċin. Il-pjan tar-riforma huwa f'idejn il-Gvern u l-Amministrazzjoni tal-Korp, is-suċċess ta' din ir-riforma huwa f'idejn kull wieħed u waħda minna. Ma nistawx nippretendu li l-Korp se joħroġ mill-isqaq li qiegħed fih, waħdu, billi kulħadd joqgħod gallarija jistenna. Jekk l-ajruplan qed jaqbad, anke jekk in-nar ma qabbadtux int, xorta tagħmel minn kollox biex tipprova tagħti daqqa t'id. Ma tħallix f'idejn il-pilota biex jieħu ħsieb jitfih waħdu u inti tirrassenja ruħek jew toqgħod biss tilmenta.
Żgur li kull min jilbes l-uniformi f'dawn l-aħħar ġimgħat iffaċċja sitwazzjoni ta' xi kumment vojt jew ħarsa bl-ikrah. Apparti l-pjan ħolistiku tar-riforma, individwalment qegħdin nagħmlu ħilitna biex intejbu din is-sitwazzjoni?
Nawgura kull suċċess lill-grupp ta' kuntistabbli li għadhom kif spiċċaw l-eżamijiet għall-surġenti u lill-kollegi li flimkien bdejna l-kors tal-ispetturi f'dawn il-ġimgħat. Awguri.


## Membri tal-Bord Editorjali:

President: Kap Eżekuttiv Angelo Gafà

Editur: WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon

Membri: Supretendent Jesmond Borg
Spettur David Bugeja
WPC 25 Charlene Cilia

Qari tal-Prova: WPS 3 Joanna Vella
WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon
WPC 19 Daniela Grima Sultana

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom.
L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:
Editur, "Il-Pulizija", C.M.R.U., Police Headquarters,
Floriana, VLT 2000 jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar
ABILITY PUBLICATIONS LTD.
Tel: 21 241317 e-mail: abpublicationsltd@gmail.com
Stampar
GUTENBERG PRESS


# WERREJ


04 MILL-UFFIĊĊJU TAL-KAP EŻEKUTTIV

07 DAN L-AĦĦAR...

12 112 - ĠURNATA GĦAS-SERVIZZI TAL-EMERĠENZA

14 IR-RUĦ TAJBA TA' ĊITTADIN ONEST

16 L-AĠENTI KMANDANTI TAL-KORP TAL-PULIZIJA

20 POLICE OFFICERS UNION

25 L-IRTIRAR

26 X'INHI L-HATE SPEECH?

29 APPREZZAMENTI U KOMMENDAZZJONIJIET LILL-PULIZIJA

31 RYAN...

35 F'GĦELUQ IL-MITT SENA MILL-BANDA TAL-KORP TAL-PULIZIJA TA' MALTA

40 MALTA POLICE ASSOCIATION

42 SPTAR TAT-TIENI GWERRA DINJIJA ĠO XELTER FIL-FURJANA

45 PAĠNA GĦAT-TFAL

46 PAĠNA TAL-ISPORTS

57 MALTA ASSOCIATION OF RETIRED POLICE OFFICERS

61 INTERNATIONAL POLICE ASSOCIATION – MALTA SECTION

62 OBITWARJU



# MILL-UFFIĊĊJU TAL-KAP EŻEKUTTIV

Għeżież kollegi,

Bil-grazzja ta' Alla bdejna sena ġdida u magħha bdejna deċenju ġdid. Kien bidu tas-sena kemxejn movimentat kemm fuq skala nazzjonali fejn rajna tibdil sostanzjali fl-amministrazzjoni tal-Gvern, inkluż ħatriet ġodda ta' Prim Ministru u Ministru għall-Intern fost oħrajn, imma anke fi ħdan il-Korp tal-Pulizija li t-tmexxija tiegħu għaddiet temporanjament fl-idejn abbli tal-Aġent Kummissarju Carmelo Magri. Nixtieq hawnhekk insellem lill-eks Kummissarju Lawrence Cutajar li ħadem qatigħ biex itejjeb il-kundizzjonijiet tal-membri tal-Korp.

L-aħħar ġimgħat ma kienu xejn feliċi għall-Korp b'ħafna jirreferu għal dak li għaddejna minnu bħala "kriżi." Però dawn l-isfidi għandhom iwelldu numru ta' opportunitajiet anke peress li kif irrimarkali l-Kappillan tal-Korp, in-nom "kriżi" ġej mill-kelma Griega *krisis* li tfisser "żvolta", dik li bl-Ingliż nirreferu għaliha bħala *turning point*.

L-iżvolta tant meħtieġa fil-Korp tal-Pulizija bdiet kemm fuq livell politiku (pereżempju l-mekkaniżmu ġdid għall-ħatra tal-Kummissarju) kif ukoll fuq livell amministrattiv fejn kif sejjer nispjega f'dan l-artiklu, il-Korp ilu għal dawn l-aħħar xhur li telaq fuq proċess ta' tiġdid sabiex din l-iżvolta tant meħtieġa ssir realtà.

F'dinja turbulenti li ngħixu fiha fejn l-uniku ħaġa kostanti hija l-bidla, it-tiġdid u l-bidla fid-direzzjoni huma neċessarji u essenzjali. Irridu nirrikonoxxu li qed ngħixu fi żmien fejn il-kriminalità tevolvi kontinwament, fejn il-pubbliku jistenna aktar riżultati minna, fejn l-operat tagħna jrid ikun aktar iffukat fuq il-ħtiġijiet tal-klijenti tagħna, u fejn il-ħtieġa għal governanza tajba u l-kontabbiltà saret kruċjali.

Konxju ta' dan id-dinamiżmu fl-ambjent ta' madwarna, sa mill-2017 ħdimt biex il-Korp tal-Pulizija jaġġorna ruħu għaż-żminijiet ta' llum. Dak li kien jiffunzjona tajjeb u jħalli l-frott mitejn sena ilu mhux neċessarjament għadu validu llum il-ġurnata. Filwaqt li saru bidliet sostanzjali f'dawn l-aħħar snin, inkluż fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u fl-operat tagħna, dan kollu jeħtieġ li jsir b'mod aktar strateġiku u sistematiku, bl-għan aħħari jkun li l-pubbliku jkun aktar sodisfatt b'xogħolna sabiex b'hekk tissaħħaħ il-fiduċja fil-pulizija, element mill-aktar importanti sabiex inkunu nistgħu nkunu effettivi f'ħidmietna.

Ikolli ngħid li kien hemm min mhux dejjem fehem l-importanza li l-Korp tal-Pulizija jitmexxa permezz ta' viżjoni ċara u komuni għal kulħadd bit-tħaddim ta' pjan strateġiku fejn kull wieħed u waħda minna fi ħdan l-organizzazzjoni nkunu nafu sewwa sew x'inhu mistenni minna sabiex jitwettqu l-għanijiet maqbula. Din ir-reżistenza f'korpi tal-pulizija hija waħda naturali u universali, prinċiparjament għall-fatt li fil-maġġor parti, xogħol il-pulizija huwa wieħed ta' *crisis management* li jwassal biex ħidmietna ħafna drabi tkun waħda reattiva. Biex inġib eżempju, ġeneralment il-pulizija taġixxi wara li tkun irċeviet rapport dwar allegat ksur ta' liġi. Għall-kuntrarju, l-ippjanar jeħtieġ li l-Korp tal-Pulizija u dawk li jmexxuh ikunu proattivi b'għanijiet ċari li wieħed jaf u persważ li jridu jintlaħqu fi żmien stabbilit, dawk li fil-letteratura nirreferu għalihom bħala għanijiet SMART (*Specific, Measurable, Achievable, Relevant, Time-Based*).

Konxju ta' dan kollu, wara xogħol preparatorju estensiv, f'Ottubru 2018 il-Korp tal-Pulizija applika għal fondi Ewropej sabiex ikun jista' jfassal Strateġija ta' Trasformazzjoni, l-ewwel waħda tax-xorta tagħha għall-organizzazzjoni tagħna. Minkejja kompetizzjoni ħarxa, il-Korp tal-Pulizija rnexxielu jirbaħ dan il-proġett u, wara proċess ta' għażla, fis-sajf 2019 il-Kummissjoni Ewropea ingaġġat lill-kumpanija ta' konsulenza ta' fama internazzjonali *PriceWaterhouseCoopers* biex tfassal din l-Istrateġija fi żmien għaxar xhur.

Dan il-proġett li beda effettivament fl-1 ta' Ottubru 2019 jinkorpora ħames stadji: (1) rapport inizzjali, (2) identifikazzjoni tal-istat preżenti, (3) analiżi tal-istat preżenti, (4) tfassil tal-Istrateġija u (5) preżentazzjoni tal-Istrateġija. Kif evidenti minn dawn l-istadji, it-tfassil ta' strateġija jaħdem, tista' tgħid, bl-istess mod kif jiffunzjona *GPS navigator*. Qabel ma n-navigatur ifassal ir-rotta għad-destinazzjoni finali, dan l-ewwel jistabbilixxi l-pożizzjoni preżenti sabiex eventwalment, wara analiżi, jidentifika r-rotot alternattivi. Finalment tiġi identifikata l-aktar rotta effettiva fiċ-ċirkustanzi.

Diversi persuni, inkluż uffiċjali għolja fil-Korp, l-Akkademja għall-Forzi Dixxiplinati u l-unjins, ingħataw l-opportunità sabiex isemmgħu leħinhom f'dan il-proċess. Fuq kollox, kull membru tal-Korp kien mistieden biex jattendi wieħed minn żewġ *focus groups* li saru fil-bidu ta' Diċembru. B'dispjaċir ngħid li l-konkorrenza għal dawn iż-żewġ sessjonijiet kienet anqas minn dak mistenni però infurmat li dawk li attendew taw kontribut essenzjali u ta' kwalità għolja ħafna. F'dal-mument, il-proċess jinsab fit-tielet stadju tiegħu u l-pjan hu li l-Istrateġija ta' Trasformazzjoni tkun lesta sa Lulju ta' din is-sena.

Dan huwa żmien eċċitanti għall-Korp u x-xhur li ġejjin ser ikunu kruċjali sabiex din l-Istrateġija tkun tista' tiġi




effettivament tradotta minn fuq il-karta għall-fatti. Kien hemm diversi tentattivi fil-passat intenzjonati li jirriformaw il-Korp. Biss, għal xi raġuni jew oħra, dawn it-tentattivi dejjem fallew. Din id-darba, il-pajjiż u l-poplu Malti u Għawdxi li jiffinanzja l-operat tagħna, jistenna li mill-kliem sabiħ ngħaddu għall-fatti. Fuq kollox il-Kummissjoni Ewropea qed tinvesti eluf ta' ewro f'dan il-proġett ta' trasformazzjoni u ċertament li din l-istituzzjoni mhix ser tittollera li dan il-proġett jitħalla fuq xi xkaffa bla ma jiġi implimentat.

Nagħlaq billi, bħalma għamilt drabi oħra, nappella għall-koperazzjoni assoluta u l-parteċipazzjoni attiva ta' kull wieħed u waħda minnkom f'dan il-proċess ta' riforma intiż li jġedded din l-istituzzjoni li serviet lil pajjiżna għal aktar minn żewġ sekli sabiex tkun tista' effettivament tilqa' għall-isfidi ta' llum u tal-ġejjieni.

DOMINE DIRIGE NOS

ceo.police@gov.mt




WE'RE
STRONGER
TOGETHER
AIG
Montaldo Insurance
AGENCY LIMITED
98/2, Melita Street, Valletta VLT 1120 Tel: 21 238 500 e-mail: info@montaldoinsurance.com
A company authorised to act as an insurance agent, regulated by the Malta Financial Services Authority
Malta General Agents for AIG Europe S.A. an insurance undertaking with R.C.S. Luxembourg number B 218806. Head Office at 35 D Avenue John F. Kennedy, L-1855, Luxembourg

# DAN L-AĦĦAR...

minn WPC 25 Charlene Cilia – CMRU

Bħal kull sena, l-għada tal-Milied żammejna l-appuntament tagħna mal-Istrina u tista' tgħid li dis-sena nġabret l-ikbar somma li qatt inġabret u ngħatat f'isem il-Korp tal-Pulizija, il-ġabra sabiħa ta' €27,067.61. Flimkien mal-eks Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar, il-Kap Eżekuttiv tal-Korp Angelo Gafà kif ukoll uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ppreżentaw din is-somma lill-Eċċellenza Tiegħu, il-President ta' Malta.






Fil-5 ta' Jannar 2020, Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, is-Sur Michael Farrugia flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija, ippresedew waqt iċ-ċerimonja tal-għoti taċ-ċertifikati u premjijiet lill-membri tal-Korp li ddistingwew ruħhom b'għemilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

B'kollox 28 membru tal-Korp ingħataw iċ-ċertifikat ta' kommendazzjoni u mertu bħala rikonoxximent tax-xogħol li wettqu matul l-2019. RPC Marthese Camilleri ngħatat il-premju tal-Pulizija tas-Sena talli tul is-servizz tagħha mxiet b'mod eżemplari, onest u b'integrità u b'hekk qed isservi ta' mudell għall-membri l-oħra tal-Korp, filwaqt li d-distrett tal-Belt Valletta u l-Furjana ngħata l-premju tax-Shield tas-Sena.

F'din iċ-ċerimonja, 55 eks membru tal-Korp ingħataw ċertifikat u tifkira wara li rtiraw mis-servizz is-sena li għaddiet u li servew fil-Korp għal 25 sena jew aktar.

Il-Ministru Michael Farrugia rringrazzja lill-membri tal-Korp li jżommu l-istat sigur u lill-familji tagħhom u tas-sostenn li jagħtuhom.

L-eks Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar, f'kelmtejn tal-okkażjoni qal li reġgħet kienet sena ta' suċċess għalina, fejn ġew solvuti d-delitti kollha li saru matul is-sena. Kien hemm ukoll rekord ieħor ta' qbid ta' drogi, każi solvuti ta' serq kif ukoll ħidma kbira fejn tidħol immigrazzjoni.



# THE WORLD'S TOP FIREARMS BRAND. MADE IN THE U.S.A.

## SIG P365

**9x19**

**€749**

Introducing the game changing P365, winner of multiple 'Handgun Of The Year' awards. By far the best sub compact on the market.




## P320 X5 LEGION

**9x19**

**€1,299**

The perfect balance of added weight and features make this new SIG one of the best sport shooting pistols on the market. You would have to spend much more on competition to match the performance of the P320 X5 Legion.






TREAD

**5.56x45**

## M400 TREAD

**€1,149**

There has never been a better time to be in the market for an AR style semi auto rifle. Standing out from the crowd is no easy feat but there is no rifle selling within this price bracket which comes anywhere close to the performance or quality of SIG Sauer's M400 Tread

Lock, Stock & Barrel

LOCK, STOCK & BARREL Gunshop
Phoenix Business Centre, Triq il-Blata l-Kahla, Sta. Venera SVR 9022, Malta
Tel: 2148 0118 • Mob: 9947 1091
e-mail: info@lsb-malta.com • web: www.lsb-malta.com

# Farstone

**Construction & Restoration Ltd**

## Civil Works





## Construction





We are one of Malta's leaders in the restoration and preservation industry with staff capable of doing professional, complex and specialised work.

## Restoration & Scaffolding









## Excavation Works







email: farstoneconstruction@gmail.com
www.farstoneconstruction.com

Call: 9945 1100 or 7949 9338




Fl-10 ta' Jannar 2020, is-Supretendent Francis Micallef li huwa inkarigat mid-distrett numru 3, stieden ġewwa l-għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, is-Sur Michael Farrugia, lill-eks Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar flimkien ma' uffiċjali għolja oħra fi ħdan il-Korp.

Is-Supretendent Micallef f'diskors qasir qal li fl-aħħar tal-karriera, wara 43 sena fil-Korp tal-Pulizija, ħass li għandu jħalli xi ħaġa lill-Korp. Huwa spjega kif matul il-karriera tiegħu huwa jħoss li ta ħajtu lill-Korp kif ukoll dak kollu li kien kapaċi jagħti. Mill-banda l-oħra qal li l-Korp tah ħafna wkoll, tah l-għejxien tal-familja, karattru u ħbieb iżda l-iktar ħaġa li jħossu li għandu jirringrazzja lill-Korp huwa li tah l-opportunità li jgħin lin-nies. Huwa tenna jgħid li l-Korp huwa reali u r-ringrazzjament tiegħu jmur kemm għan-nies kif ukoll għall-kollegi tal-lealtà u t-tagħlim li wrewh. U huwa għalhekk li s-Supretendent xtaq li jagħti rigal sinifikanti sabiex jibqa' bħala tifkira tiegħu.

Il-plakka bl-arma tal-Korp tal-Pulizija hija maħduma bl-idejn u tinsab ġewwa l-għassa ta' Raħal Ġdid, kif eżatt tidħol mill-bieb prinċipali flimkien ma' sett ritratti li wkoll huma rigal mis-Supretendent u li juru xeni ta' Raħal Ġdid fil-passat. Dawn ir-ritratti għandhom valur ukoll sentimentali għas-Supretendent Micallef għax kien propju z-ziju tiegħu, is-Sur Carmelo Schembri li kien ħa dawn ir-ritratti minn fuq il-bejt tal-knisja.

Kemm il-Ministru Farrugia kif ukoll l-eks Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Cutajar irringrazzjaw lis-Supretendent kemm ta' dan il-ġest kif ukoll tas-servizz u x-xogħol tiegħu fil-Korp tal-Pulizija.

magazine.police@gov.mt

# 112 - ĠURNATA GĦAS-SERVIZZI TAL-EMERĠENZA

minn WPC 25 Charlene Cilia – CMRU

Il-11 ta' Frar huwa l-Jum Ewropew iddedikat għan-numru tal-emerġenza 112. Għal din l-okkażjoni l-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi organizza attività ġewwa l-Iskola Primarja tal-Fgura fejn il-Pulizija, il-Forzi Armati ta' Malta, il-Protezzjoni Ċivili u s-Servizz tal-Emerġenza mill-Isptar Mater Dei ngħaqdu flimkien sabiex jaqsmu mat-tfal tagħlim u informazzjoni fuq in-numru tal-emerġenza u anki fuq ix-xogħol importanti li jagħmlu.

Din l-attività ġiet milqugħa b'entużjażmu kbir kemm mill-istudenti kif ukoll mill-għalliema. Il-parteċipazzjoni tagħhom kienet ħajja u pożittiva. Dan stajna narawh kemm mill-espressjoni ta' wiċċhom kif ukoll mill-mistoqsijiet li bdew jagħmlulna. Huma kellhom iċ-ċans li jiltaqgħu mar-rappreżentanti tas-servizzi tal-emerġenza fejn anki ġew murija xi apparat li jiġi wżat waqt ix-xogħol b'mod partikolari waqt li jkunu qed jassistu f'emerġenza.

Mistiedna għal din l-attività kien hemm il-Ministru Byron Camilleri, il-Ministru Owen Bonnici, il-Kap Eżekuttiv ta' servizz.gov, is-Sur Winston Pirotta u uffiċjali għolja li rrappreżentaw lill-Pulizija, Forzi Armati, Protezzjoni Ċivili u d-Dipartiment tal-Emerġenza.










Il-Ministru Camilleri spjega li attivitajiet bħal dawn huma bżonnjużi għax għad hemm il-ħtieġa li tqum aktar kuxjenza dwar l-użu responsabbli tan-numru 112.



Fil-fatt għal din l-okkażjoni wkoll il-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi nieda verżjoni tal-app 112MT li mistennija toffri aktar servizzi u assistenza f'każ ta' emerġenza.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol Owen Bonnici rrefera għall-importanza li nedukaw lit-tfal tagħna dwar is-servizzi tal-emerġenza u kemm huma importanti li dawn jintużaw b'mod korrett u responsabbli.

magazine.police@gov.mt ✠



# IR-RUĦ TAJBA TA' ĊITTADIN ONEST

mis-Supretendent Victor Aquilina

Nhar il-11 ta' Jannar 2020, il-Pulizija tad-Distrett tal-Belt laqgħu għandhom turist ta' nazzjonalità Ingliża, ċertu Rodney Fairweather ta' 75 sena. Ftit ġimgħat qabel propju fil-21 ta' Diċembru, kien safa' vittma ta' serq filwaqt li ġie aggredit minn persuna mhux magħrufa viċin tal-lukanda fejn kien qed jalloġġja ġewwa l-Belt Valletta.

Għalkemm f'dan l-inċident is-Sur Fairweather ma ġarrab l-ebda ġrieħi, sfortunatament l-aggressur irnexxielu jisraqlu l-kartiera li kellu fuqu u ħarab minn fuq il-post.

Ir-ruħ tajba ta' ċittadin onest mill-Belt Valletta, ċertu Michael Pace wasslet biex il-kartiera tal-vittma ġiet misjuba u rritornata immedjatament lill-Pulizija tal-Belt. L-imsemmija kartiera ġiet mgħoddija lura lill-vittma fejn ikkonferma li kulma ħadulu minnha kien biss €80 fi flus kontanti. Id-dokumenti li kellu fiha nstabu kollha.

B'rikonoxximent tal-ġest onest tas-Sur Michael Pace u tal-effiċjenza u l-kortesija tal-Pulizija involuti, ċioè PS 39 Jean Paul Zahra, WPS 250 Amanda Parascandalo Bunce, PC 281 Damian Scott Mac Kay u PC 1247 Ayrton Bianco, is-Sur Fairweather kiteb lill-Korp tal-Pulizija fejn talab li jiltaqa' kemm mal-persuna li rritornatlu l-kartiera l-għassa kif ukoll mal-uffiċjali involuti.

Għalhekk ġiet organizzata laqgħa informali bejn il-partijiet kollha fejn fiha ġew maqsuma l-ħsibijiet u l-ġest tas-Sur Pace. Matul l-imsemmija laqgħa ssemma kif azzjonijiet sempliċi bħal tas-Sur Pace, jagħmlu differenza fil-komunità.





Commissioner of Police,
Malta,
Dear Sir,

This afternoon, in a pedestrianised street adjacent to the Osborne Hotel, I was attacked and robbed of my wallet during which incident my left hip was injured.

I was told at reception that I must go to the police station to make a report because the police would not come to the hotel. I knew I couldn't make the journey so I went to my room, rang two banks in the UK and cancelled all my credit and debit cards.

Just on the off chance, I found the telephone number of your Valletta station. I called and explained my situation to a very decisive policewoman who said "We will come" and they did, quite quickly. That would not have happened in the UK. The same policewoman asked me detailed questions and took a photograph of my passport and contact details very efficiently but with great kindness.

The three accompanying policemen investigated the scene and surrounding area in a very professional manner, taking more care than I expected; all four officers were courteous and polite while being efficient.

I do not wish to be overly critical of our UK police force, the backbone of my country, but we just don't have your type of service in the UK anymore - fast and efficient.

Your officers even offered, three times, to drive me to receive medical attention. I declined but greatly appreciated their excellent attitude.

The officers left and I thought that was the end of the matter. Very little else would have happened after reporting such an incident in the UK. Certainly my wallet would never have been seen by me again.

Imagine my shock when the kind policewoman knocked at my hotel room door less that two hours later and handed my wallet to me with everything intact except the cash, of course. Even if found, had this been the UK, I would have had to collect my wallet, injured or not, from the relevant police station. Your people delivered it!

I have never encountered such efficiency and kindness from police officers in any other country; at 75 years old I have come into contact with many, mostly good but not as good as your force members.

I would like to commend the four officers directly concerned and those unseen members who doubtless contributed. I thank them all very much.

I shall be back in Valletta on 10/01/20 and would like to visit the Valletta station to thank the officers once again and to obtain the name and contact details of the person who walked from the bus station to hand in my wallet at the police station so that I can offer thanks.

Once again, thank you all so much for taking the crime seriously, even though I was not badly injured. Maltese people are lucky to have you.

Note
A matter that might be of interest is that my neighbour was a member of our UK Queen's protection unit in the Met and has written a book detailing all the awards given to British police officers over many decades. Jane Lawrence. Interesting if you ever have the time.

Just like your policewoman whom I met today, Jane is a very nice person - even if firearms trained!

Yours faithfully,
Rodney Fairweather.

Filwaqt li l-vittma rringrazzja lill-Korp tal-Pulizija, speċjalment lill-uffiċjali involuti fil-każ kif ukoll lis-Sur Pace personalment, ippreżenta wkoll ktieb miktub mill-ġar tiegħu fl-Ingilterra bl-isem "From the Beat to the Palace (175 years of Gallantry)" liema ktieb jelenka d-dekorazzjonijiet kollha li ngħataw fil-Metropolitan Police.


SOROTTO
J.B. Sorotto Limited Malta

Port Agency | Brokerage | Vessel Registration | Corporate Services
Est 1877




www.jbsorotto.com.mt info@jbsorotto.com.mt Tel: +356 222 96 600

J. B. Sorotto Limited, Exchange Buildings, Republic Street, Valletta VLT 1117, Malta

J.B. Sorotto Limited is registered to act as a Company Service Provider by the Malta Financial Services Authority.

# L-AĠENTI KMANDANTI TAL-KORP TAL-PULIZIJA

**Mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija**

Minn żmien għall-ieħor naraw li fil-Korp tal-Pulizija, bħalma jiġri f'oqsma oħra tal-ħajja u partikularment is-soċjetajiet ċivili u istituzzjonijiet oħra, jaslilhom il-mument sabiex dawk li jkunu ġew fdati lilhom dik it-tmexxija, għal raġuni jew oħra jkollhom iċedu jew jitolbu sabiex iċedu t-tmun. Ċertu drabi ma jkunx fil-kontroll tal-individwu, kif u meta jabdika minn din il-kariga daqshekk importanti u sensittiva fit-tmexxija dwar iż-żamma tal-ordni fil-pajjiż. Sintendi, meta l-awtoritajiet jiġu ffaċċjati b'dawn iċ-ċirkostanzi, immedjatament ikollhom jaraw lil min ser jagħżlu bħala suċċessur biex jokkupa din il-kariga. Ħafna drabi kif nafu, ma tkunx daqshekk faċli għal min jinzerta fil-mument ikun b'dik ir-responsabilità, li jaħtar hu jew jesiġi li ssir din l-għażla. Nafu li f'ċertu każijiet tkun ukoll waħda ta' natura kontroversjali. Minkejja li m'għandhiex tkun, fir-realtà tiġri. F'ambjent żgħir bħalma huwa ta' pajjiżna, metaforikament u attwalment dejjaq u soffukat; kulturalment b'mod jew ieħor huwa influwenzat u kkundizzjonat minn diversi fronti. Ibda minn dawk politiċi u soċjali ma' oħrajn b'interessi varji. Dan kollu b'xi mod ser jaffettwa dan l-andament; inkluż lil persuna jew persuni li jkunu indikati jew qed jissemmew għal din il-kariga. Allura fin-nuqqas ta' deċiżjoni pronto pronto u immedjata kif mistenni biex jimtela dan is-siġġu, iddettat mill-kostituzzjoni; min ikun fl-awtorità bi dmir li jagħmel dan, minflok jaħtar temporanjament persuna oħra li jkun jidhirlu illi tista' tibqa' tidderiġi t-tmun sa ma ssir l-għażla għall-ħatra tal-kmandant jew il-kummissarju l-ġdid. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-għażla dejjem iddur fuq dak l-uffiċjal l-aktar anzjan, kemm fil-grad, kif ukoll bis-servizz; jew ukoll minħabba li jkun l-aktar viċin it-tmexxija tal-Korp fil-mument. Kien hemm każijiet ukoll fejn dan il-kmand ingħata lil persuna minn barra l-Korp, li ġeneralment ikun ġej ukoll minn xi qasam tas-servizz ċivili u b'ċertu esperjenza, li l-gvern tal-ġurnata jkun jidhirlu li jista' jaqdi dmiru tajjeb fit-tmexxija ta' din l-istituzzjoni. Dan il-metodu kien u għadu jgħodd, saħansitra anke meta jiġi sabiex jinħatar il-Kummissarju.

Minn dak li s'issa stajna nindikaw, ma' oħrajn li servew fi żminijietna; insibu li l-awtoritajiet konċernati fil-fatt kellhom jirrikorru u ħatru persuni biex servew temporanjament bħala Aġent Kmandant, Aġent Supretendent, li mbagħad mill-1916 'il hawn sar Aġent Kummissarju, minħabba l-bdil fl-isem tal-kariga. Infatti l-ewwel wieħed li beda jissejjaħ hekk kien Claude W. Duncan. Ta' min jgħid ukoll li kien hemm oħrajn illi għalkemm mhumiex magħrufa; kienu ntalbu mill-awtorità tal-Gvern sabiex fl-assenza tal-Kummissarju jieħdu temporanjament ir-riedni huma. Dan kien ikun sar ukoll fuq l-istess merti u prinċipji li semmejt aktar qabel. Iżda għal xi raġuni ma jkunux ġew uffiċjalment maħtura bħala Aġent.

Għalhekk kif għidt s'issa nsibu li fl-1914 William C. Millard li kien responsabbli mit-tmexxija ta' Għawdex (Segretarju



**James Frendo Azzopardi**



**Antoine Busuttil**



**Amadeo Inglott**



**William C. Millard**



**Raymond Zammit**



**Lawrence Cutajar**



**Carmelo Magri**

tal-Gvern f'Għawdex), inħatar Aġent Kummissarju bejn is-6 ta' Frar 1914 u t-8 ta' Jannar 1915 meta Tancred Curmi kien sospiż fuq allegazzjoni ta' irregolaritajiet serji. Aktar tard hu kien tkeċċa b'riżultat ta' inkjesta pubblika li kienet saret fir-rigward, liema inkjesta kienet ħadet ftit aktar minn sena.

Fl-1919 James Frendo Azzopardi, l-Assistent Supretendent anzjan inħatar ukoll Aġent Kummissarju waqt li l-Kummissarju Claude W. Duncan kien intbagħat in-Niġerja t'Isfel fuq missjoni ġdida li kienu tawh.

Fl-1922 Antonio Busuttil, id-Deputat Kummissarju nħatar Aġent Kummissarju f'Lulju, meta Henry William Bamford ħalla Malta biex mar fuq missjoni fil-*Gold Coast* ġewwa l-Awstralja. Ftit wara Busuttil, fit-18 t'Awwissu tal-istess sena kien inħatar ukoll Kummissarju. Sfortunatament Busuttil kien miet madwar sena wara. Dwar il-mewta ħesrem tiegħu jingħad illi waqt li kien preżenti fl-eżekuzzjoni ta' ċertu Ġużeppi Tabone, tah ħass ħażin segwit minn puplesija qawwija. Din waslet sabiex ikkawżatlu l-mewt erba' xhur wara. Dan Tabone kien ingħata l-forka, wara li ftit qabel kien instab ħati bil-qtil ta' Antonio Galea f'Kerċem Għawdex.

Fl-1923 Amadeo Inglott, id-Deputat Kummissarju jinħatar Aġent Kummissarju f'Awwissu, wara l-mewt kif għidna tal-Kummissarju Antonio Busuttil li ġrat fis-6 t'Awwissu.

Fl-2014, fl-istess xahar u s-sena li l-Korp tal-Pulizija ta' Malta għalaq il-200 sena mit-twaqqif tiegħu, Raymond G. Zammit, l-Assistent Kummissarju jinħatar Aġent Kummissarju bejn it-3 ta' Lulju 2014 u 9 ta' Diċembru 2014. Dan wara li kien irreżenja l-Kummissarju Pietru Pawl Zammit.

Fl-2016, Lawrence Cutajar, l-Assistent Kummissarju jinħatar Aġent Kummissarju nhar it-28 ta' April 2016 wara li kien irriżenja l-Kummissarju Michael Cassar. Imbagħad nhar it-2 t'Awwissu tal-istess sena, Lawrence Cutajar jinħatar ukoll bħala Kummissarju.

Fl-2020, riċentement, Carmelo Magri, id-Deputat Kummissarju u l-aktar uffiċjal anzjan hekk kif ukoll ħabbar il-Prim Ministru l-ġdid Dr Robert Abela, jinħatar bħala Aġent Kummissarju nhar is-17 ta' Jannar 2020, wara li kien għadu kif irriżenja l-Kummissarju Lawrence Cutajar.

Kif rajna, anke b'servizz lejn l-istorja ikun tassew xieraq, illi bi ftit aktar sforz (b'ħin allokat) ikunu magħrufa ġustament dawk kollha li kienu ġew maħtura sabiex imexxu bejn xi perjodu jew ieħor, bħala Aġenti Kmandanti jew Aġenti Kummissarji, matul daż-żmien li ilu mwaqqaf il-Korp. B'aċċenn, ta' min jgħid ukoll illi waqt wieħed mill-agħar avvenimenti mdemmija ta' pajjiżna, fl-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju, 1919, il-Korp inżerta li kien qed jiġi mmexxi minn Aġent Kummissarju, l-Assistent Supretendent anzjan James Frendo Azzopardi. Ilkoll nafu li din it-tip ta' tmexxija ġġorr magħha responsabilità kbira. Għaldaqstant dan jitlob kif ukoll jimmerita sabiex b'mod kronoloġiku jiġu wkoll irreġistrati uffiċjalment fl-istorja.

F'dan l-artiklu, kif rajtu, intużat ripetutament il-kelma 'inħatar' jew 'jinħatar', xetru nom verbali minn 'ħatar'. Il-ħatar propju huwa dak il-bastun oħxon magħmul minn xi fergħa ta' siġra. Jintuża wkoll bħala stanga li tkun ferma u b'saħħitha ħafna. Fl-imgħoddi kien ukoll mezz biex wieħed jiddefendi ruħu bih minn xi aggressjoni jew ukoll biex iħebb għal xi ħadd. Nafu wkoll li kien hemm min qatel billi uża lilu. B'dan kollu ridt ngħid illi l-ħatar hawn qed jissimbolizza s-saħħa, il-poter li wieħed jagħti lil xi ħadd sabiex imexxi. Jgħaddulu l-ħatar f'idejh - simbolu simili għax-xetru. Il-persuna b'xetru f'idejha hija l-persuna bl-awtorità.

Żewġ tradizzjonijiet li jmorru lura għal perjodi tassew bikrija fl-evoluzzjoni tal-bniedem. Minn meta twaqqaf il-Korp, il-Pulizija ta' dak iż-żmien kienu jingħataw il-ħatar flimkien ma' xabla. Il-ħatar kien l-ispeċi ta' lembuba bħal dik li tintuża llum, iżda ta' daqs ikbar u kemxejn robusta.

joseph.q.borg@gov.mt


Smart
Supermarket
EVEN
BETTER QUALITY,
CHOICE AND VALUE
Smart Supermarket, Naxxar Road, Birkirkara
+356 2144 2728
www.smart.com.mt
Opening Hours
Monday - Thursday 7.00 to 20.00
Friday 7.00 to 21.00
Saturday 7.00 to 20.00
Like us on Facebook
TESCO products
Exclusively at
Smart
Supermarket

# RINGRAZZJAMENT

**minn PC 1583 Steve Spiteri - Viċi President tal-Police Officers Union**

Nispera li tinsabu tajbin u nilqagħkom għall-ewwel ħarġa tal-magażin Il-Pulizija għas-Sena 2020.

Ovvjament bħalma tafu, is-17 ta' Jannar 2020 ma kinitx ġurnata sabiħa għall-Korp tal-pulizija. Ir-riżenja tal-Kummissarju Lawrence Cutajar kienet daqqa ta' ħarta għall-korp. Kien kummissarju li jħobb "iż-żgħir"; dik hi l-espressjoni li tintqal bejnna l-pulizija.

Fil-Kummissarju Cutajar sibna kap li magħna kellu komuni l-interess tal-ħaddiem fil-korp u fit-titjib tal-kundizzjonijiet tagħhom partikolarment dawk tal-iżgħar gradi. Taħt it-tmexxija tiegħu seħħew riformi importanti u bla dubju ħa jħalli warajh korp aħjar u aktar modern. Aħna minn qalbna ngħidulu grazzi tas-servizz u nawgurawlu kull suċċess għall-futur tiegħu.

Nixtiequ wkoll nawguraw kull suċċess lill-Aġent Kummissarju Carmelo Magri. Bħal dejjem, il-P.O.U. tinsab lesta biex taħdem spalla ma' spalla miegħu għal ġid tal-membri tagħna.

Il-*Police Officers Union* tixtieq tawgura lill-Onorevoli Dr Byron Camilleri għall-ħatra tiegħu bħala Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali. Ma għandix dubju li flimkien ħa nkomplu naħdmu għal aktar riformi pożittivi għal ġid tal-membri tal-korp tal-pulizija.

Fl-istess waqt nixtiequ ngħidu grazzi lill-Onorevoli tabib Dr Michael Farrugia għall-ħidma tiegħu fil-Korp tal-Pulizija u nawgurawlu minn qalbna għall-kariga ġdida tiegħu bħala Ministru għall-Enerġija.

Nawguraw ukoll lill-Onorevoli Dr Robert Abela għall-ħatra tiegħu bħala Prim Ministru ta' Malta. Bħala P.O.U. ninsabu ċerti li taħt it-tmexxija tiegħu ħa jkun hemm kontinwità tax-xogħol li sar diġà għal ġid tal-ħaddiema fi ħdan il-korp tal-Pulizija. Nirringrazzjaw lil Eks Prim Ministru Dr Joseph Muscat u nawgurawlu għall-futur tiegħu.

Bħala P.O.U. kommessi li nagħtu s-servizz ta' *union*, assistenza legali u kull tip ta' assistenza oħra. Hekk dejjem sar u hekk ser jibqa' jsir. Però nħossu li bħala apprezzament tal-

fiduċja mill-membri tagħna, minn żmien għal żmien ikollna offerti li jkunu jistgħu jibbenefikaw minnhom. Dawn li ġejjin huma l-offerti li għandna għall-membri tagħna bħalissa:

Perfection Auto Detailing

- 10% car valeting and detailing services mob:9927 9220

Landier garage - 10% discount on all LPG conversion, 5% discount on general service.

Ramla Bay Resort - 10% discount on accommodation and pre-booked board basis including facilities sauna pools gym and kids club: contact salesdepartment@ramlabayresort.com tel: 2281 3010 terms&conditions apply.

Agius watches and jewellery 10%

Hamrun 2122 5371 Valletta 2122 3892

Livewell Health shop 10%

Phonerefix several offers on new items and repairs contact 2704 1701 customercare@phonerefix.com

John's Garage ltd - 15% off car servicing/valeting 10% off bridal car (wedding) 10%off cab service

Suruchi Indian Restaurant Malta

indian cuisine 20% discount

Ovvjament min jixtieq jissieħeb mal-*Police Officers Union* għandu jkellem lix-*shopsteward* tad-distrett jew branka fejn qiegħed jew jibgħat email fuq policeofficersunion@gmail.com inkella minn fuq il-paġna tal-Facebook tagħna: **Police Officer Union**.

Tistgħu tagħmlu kuntatt miegħi personali fuq 7900 1583.

steve.a.spiteri@gov.mt





DAVID'S BAKERY GOZO

Delicious LENT & EASTER Confectionery

WITH A UNIQUE COMBINATION OF MASTER BAKERY SKILLS AND UNRELENTING PASSION
WE PROUDLY CREATE TRADITIONAL LENT & EASTER TREATS THAT ARE SIMPLY IRRESISTIBLE!!!!

AVAILABLE FROM SUPERMARKETS, GROCERY STORES AND OTHER OUTLETS IN MALTA AND GOZO 2155 5655 info@davidsbakerygozo.com




# NOW YOU CAN

**NEW HEINEKEN 0.0**
GREAT TASTE. ZERO ALCOHOL.

EST. 1873
Heineken®




TOUCHLESS DISINFECTION SERVICES

# SANONDAF®

## LICENSE TO KILL

# 99.99%

of all hazardous **viruses, bacteria fungi, mould** or any **microorganism** without posing any threat to humans animals or plants

sanondaf.com    info@sanondaf.com    +356 99494967

# L-IRTIRAR

Employee Support Programme Unit

L-irtirar huwa meqjus bħala żmien ideali fejn kollox huwa pjaċevoli, sempliċi u faċli, minħabba l-fatt li l-persuna tkun waqfet mix-xogħol. Madankollu, hemm numru ta' fatturi li jistgħu jaffettwaw il-mod kif wieħed iħares u jgħix iż-żmien tal-irtirar. Wieħed għandu jirrikonoxxi li ż-żmien tal-irtirar iġib miegħu numru ta' telfiet, fosthom it-telfa tal-istruttura, tibdil fl-identità, tibdil fil-qagħda finanzjarja u t-telfa ta' ħbiberiji li jkunu żviluppaw matul iż-żmien.

Għaldaqstant waqt iż-żmien tal-irtirar wieħed jista' jesperjenza emozzjonijiet varji bħal biża', ansjetà, irritabilità, dwejjaq u vojt. Minħabba n-natura tax-xogħol tal-pulizija, l-irtirar jista' ikun perjodu diffiċli sakemm tindara l-ħajja barra mill-korp.

Filwaqt li m'hemmx mod tajjeb jew ħażin kif tindirizza din ir-realtà, hemm ħafna fatturi li jistgħu jgħinu f'dan iż-żmien. Importanti li wieħed jagħraf li dan it-taqlib emozzjonali huwa normali u parti mill-proċess tal-irtirar. Fiż-żmien tal-irtirar, wieħed ikollu iktar ċans jirrifletti bl-iskop li jsib modi kif jgħix din ir-realtà ġdida.

Tajjeb li wieħed jipprova jżomm lilu nnifsu okkupat u jżomm xi forma ta' rutina. Xogħol volontarju, kif ukoll xi impjieg alternattiv jista' ikun mod kif wieħed jibqa' jħossu attiv u jistabbilixxi sens ta' stabbiltà. Li wieħed isib ħin għall-eżerċizzju fiżiku huwa importanti ħafna, u jgħin itejjeb il-burdata.



Il-preparazzjoni għall-irtirar hija esperjenza personali ħafna u tvarja minn individwu għal ieħor. Wieħed għandu jippjana għaż-żmien tal-irtirar biex dan ikun żmien ta' tkabbir personali fejn wieħed jirrikonoxxi u jħossu sodisfatt bil-kontribut li ta fis-soċjetà.

Għal iktar informazzjoni dwar l-*Employee Support Programme* u s-sapport ipprovdut, tista' tikkuntattja lill-*Employee Support Programme* fuq 2200 1210 jew fuq esp.opm@gov.mt jew żur is-sit elettroniku www.esp.gov.mt

# X'INHI L-HATE SPEECH?

minn Dr Mary Muscat

*Dr Muscat hi lecturer full-time mal-Fakultà tal-Liġi fl-Università ta' Malta u hi Avukat tat-tfal mal-Qorti tal-Familja. Hi għamlet tlettax-il sena fil-korp bħala spettur, u fil-preżent tgħallem il-Liġi Kriminali fil-kors tar-reklutaġġ tal-pulizija, kif ukoll emendi riċenti fil-Liġi tal-Familja u Drittijiet Umani fit-taħriġ ta' aġġornament fl-Akkademja.*

Il-frażi *hate speech*, jew lingwaġġ li juri mibegħda, hu spiss identifikat mill-pubbliku bħala forma ċara ta' trattament verbali offensiv għall-vittma, b'intenzjoni li jweġġa' lit-tali persuna. Ħafna drabi dan ir-reat hu marbut mal-*hate crimes* imma mhux bilfors jintuża f'dan il-kuntest; fil-fatt, ħafna drabi l-pubbliku li ma jkunx intiż fuq il-liġi ma jiddistingwix mil-liġi tal-Istampa (Kap 248) li tneħħa mil-liġijiet Maltin sentejn ilu.  Il-pubbliku spiss jitfixkel ukoll il-*hate speech* mal-libell u mad-defamazzjoni, li huma żewġ reati jixxiebhu imma legalment differenti.

Teknikament, jekk wieħed ifittex it-terminu *hate speech* permezz tas-*search engine* li jkollha l-liġi onlajn se jiddiżappunta ruħu għax mhux se jkollu riżultat. Dan għaliex *hate speech* mhux terminu legali rikonoxxut mil-liġijiet Maltin. Minflok, jintużaw termini oħra:

i. 'kliem... ta' theddid, abbużivi jew insolenti' f'art. 82A tal-Kodiċi Kriminali;
ii. 'kummenti ..... li jistgħu jweġġgħu', regolament 4.2 fil-LS 350.26 fil-kuntest tal-liġi dwar ix-xandir; u
iii. 'lingwaġġ li jmur lil hinn mill-gosti tajba u mid-diċenza', b'riferenza għat-telefonati waqt xi programm imxandar, skont LS 350.19 regolament 2.1, li hu elaborat f'reg. 2.4 bħala 'kliem offensiv, vulgari, baxx, oxxen, li jinsulenta, mibni fuq it-tagħjir, tkeskis, malafamanti, inġurjuż...'

L-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE), fil-manwal ta' taħriġ għall-uffiċjali li jinfurzaw il-liġi dwar kif jiġu identifikazzjoni ta' reati ta' mibegħda tisħaq li *hate speech* hi magħmula minn *speech* / lingwaġġ u *bias motivation* / motivazzjoni li qegħda turi l-preġudizzju. Dan tal-aħħar irid jattakka xi waħda mill-karatteristiċi protetti tal-persuna vittimizzata mil-lingwaġġ, jiġifieri razza, etniċità, twemmin, orjentazzjoni sesswali, jew xi element ieħor personali li jispiċċa fil-mira tal-mibegħda.



Din l-idea hi wkoll riflessa fil-Kodiċi Kriminali Malti permezz ta' artiklu 222A(3)(b) li jitkellem dwar reat li hu 'motivat, għal kollox jew b'mod parzjali, minn ostilità, stmerrija jew disprezz' li jsir 'fil-waqt li fih isir ir-reat' jew inkella 'minnufih qabel'. Dan l-aġir iġorr miegħu aggravju fil-piena ta' grad jew tnejn.

Fl-artiklu li jmiss se jiġu elenkati eżempji meħuda minn sentenzi tal-qrati lokali u Ewropej ta' f'hiex jikkonsistu t-termini 'ostilità, stmerrija jew disprezz'.


ROYAL CANIN®
INCREDIBLE IN EVERY DETAIL
MIX IT UP!
SAME NUTRITION, DIFFERENT TEXTURE
Discover More
Yorkshire Terrier
PUPPY
MINI


THE ONE STOP SHOP
ANIMAL WELFARE PROMOTION AND SERVICES DIRECTORATE OFFERS:
• Quality guidance and assistance to the public
• Easy access to report an emergancy or abuse
• Adoption/fostering of pets from one central point
• Information relating to the Veterinary Regulation Directorate
ANIMAL WELFARE MALTA
NIDDEFENDU LIL DAWK LI M'GHANDHOMX MIN JIDDEFENDIHOM
Contact : 22924132
Address: Animal Welfare Directorate Luqa Road Qormi QRM 9072


GARMIN DRIVE
51 LMTS
FULL EUROPEAN MAPS
€100
medcomms
MARINE ELECTRONICS
4, Msida Road, Gzira, GZR 1401
T: 2133 5521, 2133 0147
E: info@medcomms.com.mt
W: www.medcomms.com.mt
www.garminmalta.com
INTERCOMP
GARMIN
AUTHORISED DISTRIBUTOR
ELECTRONICS
LOOK NO FURTHER


fgp
The Garage Door People
FGP Ltd is Malta's largest and longest established garage door manufacturer. Supplying all kinds of custom made residential, commercial & industrial garage doors, gates and remote control automations.
FGP Ltd. 109, Valletta Road Luqa. Tel: 21673627, 21667107/8
Email: sales@fgp.com.mt Web: www.fgp.com.mt


WB White Brothers Limited
• Haulage Services
• Machinery & Plant Removals
• Customs Agency
• Freight Forwarding
• Warehousing
• Personal Effects
• Packing & Packaging
White Brothers Building, St. Bernard Street, Marsa MRS 1332 - Malta
Tel: [+356] 21 245512 • Fax: [+356] 21 247374 • E-mail: info@whitebrosmalta.com
www.whitebrosmalta.com

# APPREZZAMENTI U KOMMENDAZZJONIJIET LILL-PULIZIJA

A certain phoned this end to express her gratitude towards PC224 stationed at B'Bugia in connection with cruelty to animal's case. She said that PC224 although very young, he acted very professionally and helped a lot Ms
She also stated that he was very kind and gentle. Ms wanted to thank PC224 and wanted also to bring this fact to your good self's attention.

Dear Sir / Madam,

I would like to give a huge thanks and thumbs up to PC 3158 Naxxar Police Station. He is near our school Naxxar Primary some times in the mornings… He not only watches out for the children's safety and patiently waits for them to cross, he also makes sure to high five and speak to each and every child going in! Always with a smile, Good morning, Good Day, be a good boy/girl and so on. He is an amazing human being and most of all an exemplary Police Officer.

Thank you PC 3158 for your service! You are a truly Gentleman! I had to stop and watch you for some minutes as it was a truly beautiful scene. Prosit hafna hafna hafna. Kids love you! You make them feel safe and they are always so happy to see you there! Well done! Please pass on this message to the right people to see! Grazzi tas-Servizz taghkom kollha! Good Day!

Commissioner of Police,
Police General Headquarters,
Floriana

Dear Commissioner of Police,

On behalf of Crisis Resolution Malta, allow me, on behalf of my crisis team to express my sincere appreciation and praise the below for their quick assistance on 01/05/19:

- *PC Justin Debono* at the Cybercrime Unit, who called us repeatedly to check with us about the patient;
- *WPS Alicia* who handled the case at St Julian's police station and also went to collect the patient to bring him to the police station from home;
- *Ins Joe Scerri* – who interviewed the patient and worked with the Crisis Team to get the patient seen by us within hours of the suicide note on facebook.

Thanks to their prompt intervention and collaboration with us regarding the incident about the suicide note on Facebook, a life was saved and another suicide prevented. These officers displayed thorough professionalism, efficiency and empathy throughout the operation. Thanks to this timely intervention, we managed to resolve the crisis in less than 90 minutes.

Their commitment to help others in crises and their collaboration with us is crucial in saving lives, and does not go unnoticed, so please accept our sincere gratitude for all the help and support.

Without hesitation, they were extremely cooperative and supportive. They truly deserve to be honorary members of our crisis team! Finally, we must commend all the other police teams who collaborate with us on a weekly basis to help those in crisis. This initiative is taking place under the excellent guidance of Deputy Commissioner Carmelo Magro and his team. Words of praise must go to the control room staff, the RIU, district police, counsellors etc. Our ongoing strategy to interact with the police is proving to be a success and is helping us rescue the vulnerable among us.

Please pass on our personal appreciation to them.

Once again, whilst looking forward to further collaboration, may we thank you all on behalf of those who suffer in silence.

Dear Sergeant Gabria Gatt,

I would like to express my sincere appreciation and gratitude for the way you so capably handled a very delicate and problematic situation which had been going on for several years.

Within a few hours of willingly taking charge of the case, you, with the help of other members of the corp, managed to take full control of the situation. The way you handled this situation is a testament to your professionality, dedication, but moreover your sheer capacity in your job.

The locality of Mellieha should be proud to have you as a team leader of the Community Policing, and I truly believe that you deserve to be honoured for your service. I would also add that the Community Policing in general has certainly been of great service and easily accessible.

I regret that I cannot make this appreciation public, to respect the anonymity of the persons involved.

I would like to commend officer 344, for upstanding what I feel is the most basic responsibility of the police force, and that is to protect the safety of the public.

Today I called Swieqi Police Station to report my concern that currently the building site above me is constantly dropping rocks due to no safety nets on to my terrace and in fact had hit me, luckily with nothing more than some debris.

While it is no clear that this is a police matter, the officer along with a colleague attended and me at my property.

While unfortunately the acts could not be classed as criminal she proceeded to phone all relevant government departments as she was concerned that if the matter was not resolved I could in fact be injured.

While many time I had reported this incident happening officer 344 was the first to take concern, and while she unfortunately was treated as badly as me by the BRO, and PA she continued to cite clearly that she was angry as her job is to protect me as a person of the public.

I commend this officer and plead more follow her lead. She had no requirement by law to assist but did so to help me.


WWW.EUROPATOURS.ORG
EUROPA TOURS
Your Summer Travel Guide 2020
St Anne Street, Floriana | Tel: 21 250 526, 21 243 562 | Email: info@europatours.org


Surveillance Cameras
Multimedia Projectors
Document Scanners
Digital Cameras
avantech
Canon
Video Cameras
Home Printers
Office Printers
Large Format Printers
Avantech Building, St. Julian's Road, San Gwann
T: 21 488 800 | E: info@avantech.com.mt
www.avantech.com.mt | CanonMalta.com


VASCAS
Naxxar | Sliema | Valletta



# RYAN…

minn WPC 25 Charlene Cilia – CMRU

Interist mill-kbar u *supporter* tat-*team* nazzjonali Ġermaniż, Ryan daħal fil-Korp tal-Pulizija fl-2002. Il-karriera tiegħu fil-Korp bdiet ġewwa d-distrett ta' San Ġiljan, iżda ħadem ukoll fl-Iskwadra ta' Kontra d-Drogi u fid-distrett ta' Birkirkara. Tista' tgħid li minn kull fejn għadda ħalla tifkriet sbieħ imżejna b'ċajt u daħk sfrenat. Kull min ħadem miegħu kulħadd l-istess kliem, "kemm konna nidħqu". Tisma' xi erba' praspar mill-kollegi kemm tad-distretti fejn kien, kif ukoll ta' ġewwa l-Iskwadra ta' Kontra d-Drogi, tifhem għalfejn kulħadd jgħid li kien iġib pożittività kull fejn ikun.

Ryan, seba' snin iżgħar minn oħtu Isabelle, iben eks pulizija u infermiera, minn meta kien żgħir kien meqjus bħala dak it-tifel imqarqaċ li dejjem b'xi waħda minn tiegħu. Oħtu Isabelle rrakkuntat kif wara seba' snin weħidha, ġie Ryan. Ġab miegħu ħafna ferħ u entużjażmu imma wkoll ħafna storbju, għax Ryan kien tarbija li jibki ħafna.

Isabelle, tifla kemxejn perfezzjonista u li trid kollox f'postu anke fejn tidħol l-iskola, kienet l-oppost ta' ħuha Ryan għax għalih kollox kien logħob. Isabelle tirrakonta kif meta kienet żgħira kellha *cot* mimlija pupi taċ-ċarruta u fosthom kellha din il-pupa favorita u partikolari għax kienet timxi, titkellem u tkanta. Jum fost l-oħrajn Ryan iddeċieda li jrid din il-pupa… inħalli għall-immaġinazzjoni tagħkom ta' kif sabet il-pupa ta' Isabelle wara li ġiet f'idejn ħuwha. Biżżejjed ngħid li din il-pupa spiċċat b'id u b'sieq waħda. Jekk ma kienx jivvinta xi waħda minn tiegħu ma kienx ikun hu u peress li kien kurjuż u dejjem moħħu biex jesplora u jmiss sa anki darba fost l-oħrajn, meta kien għad kellu biss tliet snin spiċċa maħsul minn rasu sa saqajh biż-żejt. Il-kurżità tiegħu kienet anki wasslet lil ommu li tiddeċiedi li ma tiħdux iżjed għall-quddies magħha għax kien jagħmel quddiesa sħiħa jistaqsi, "għalfejn il-qassis qal hekk? X'jiġifieri meta jagħmel hekk? Issa x'ħa jiġri?", kien ikun irid jaf kollox.  Din li Ryan kien jistaqsi ħafna baqgħat tiġri miegħu u ġiet ikkonfermata minn kull min kien viċin tiegħu; il-mara tiegħu Amanda u diversi kollegi…"Kemm kien iħobb jistaqsi!".

Isabelle tkompli tirrakonta kif anki fejn tidħol skola, hi u ħuha kienu kompletament differenti. Hi kienet dik it-tifla li kien ikollha l-karti u l-kotba kollox eżatt biex tistudja u hu kien dak li jagħmel ix-xogħol kif ifettillu. Minkejja li hi kienet tipprova b'kull mod biex tgħinu u tgħallmu bil-kalma, Ryan kien jirraġuna li l-aqwa li lesta li kellu jagħmel u daqshekk. Kien jippreferi jilgħab magħha xi logħba futbol fil-kurutur tad-dar.

Meta wasal fl-aħħar tas-sekondarja, Isabelle kienet tgħid, "imma kif ħa jagħmel għall-o'levels? Kif se jgħaddi?". Fil-verità iktar kienet tinkwieta hi milli hu. Anki minħabba l-fatt li f'dawk iż-żminijiet Isabelle u Ryan kienu tilfu lill-papà tagħhom u din tista' tgħid kienet l-ewwel togħma ta' qsim il-qalb li taf toffri l-ħajja u li sfortunatament ħaduha fi żmien fejn kienu għadhom żgħar. Mir-rakkonti ta' Isabelle stajt ninduna kemm kienet preżenti fit-trobbija ta' Ryan. Dak li tgħallmet u dik l-għożża li trabbiet fiha hi, fl-ewwel seba' snin qabel ma ġie Ryan, ippruvat tgħaddiha lil ħuha flimkien mal-ġenituri tagħha. Kienet tħoss in-neċessità li tipproteġih u din żdiedet meta ġie nieqes il-papà. Minkejja li l-papà tagħhom kien fil-pulizija, ma xtaqx li Ryan jagħżel din il-karriera. M'hemmx għalfejn ngħidilkom li Ryan kien jimxi u jgħid li ħa jsir Pulizija! Isabelle kienet taqbel ma' missierha u waħda mill-wegħdiet li għamlet lill-papà tagħha qabel ma ħalliena kienet li ħa tieħu ħsieb lil ħuha u tgħinu biex jagħżel karriera li ma kinitx fil-Pulizija. Ir-raġuni wara dan il-ħsieb ma kienx xi nuqqas ta' rispett lejn il-Pulizija, anzi, fil-verità kien il-ħsieb li pulizija jaffaċċja xogħol iebes u xeni xejn sbieħ u dan li kien jinkwieta lill-familja kollha, dak it-tifel li tant trabba' f'għożża, protezzjoni u mħabba jkollu jħabbat wiċċu ma' dawk il-problemi kbar tas-soċjetà. Imma kif ngħidu, kontra kollox u kontra kulħadd, Ryan kif sab iċ-ċans daħal fil-Korp tal-Pulizija. Isabelle tiftakar sew dakinhar tal-ġurament tal-ħatra ta' Ryan, "niftakarni nħares 'il fuq u lil missieri ngħidlu, 'tiegħu għaddiet". Minkejja kollox kemm hi u kemm omm Ryan ħassewhom kburin tassew bih u din l-emozzjoni baqgħet magħhom tul il-karriera kollha tiegħu fil-Korp tal-Pulizija.

Għalkemm l-opposti ta' xulxin, Ryan u oħtu Isabelle kellhom relazzjoni partikolari u kienu jinħabbu ħafna. Isabelle kienet dik li dejjem tgħidlu x'għandu jagħmel, dejjem tispikka fl-iskola tant li Ryan kien jgħidilha, "int nerd", imma mbagħad kienet dik li tfissdu u naħseb li fil-verità iktar kien jagħmillha, għax kien jaf li dejjem ħa jirbaħ magħha għax kienet iċċedilu. Minkejja dan kollu però, baqgħu jieħdu ħsieb lil xulxin dejjem. Ryan lil oħtu sabha dejjem warajh u l-istess ħaġa Isabelle. Kien hemm ċirkostanzi u sitwazzjonijiet fil-ħajja fejn Isabelle tirrakkonta kif Ryan kien qed jara xi ħaġa li hi kienet għadha mhux konvinta minnha u wara ċertu żmien indunat kemm Ryan kellu raġun u din ġrat anki viċe versa…"hemm ara l-aħwa", tgħidilna.

Ryan imbagħad iltaqa' ma' Amanda, il-mara li serqitlu qalbu u biddlitlu ħajtu…mhux mill-praspar ta', dawk xorta baqa' jagħmilhom! Amanda kellha 19-il sena meta bdiet toħroġ ma' Ryan, għamlu seba' snin għarajjes qabel ma żżewġu. "Ryan kien persuna determinat, jekk idaħħal xi ħaġa f'moħħu qabel jasal ma joqgħodx". Dan l-aspett fil-karattru tiegħu kien evidenti kemm fuq ix-xogħol kif ukoll fil-ħajja tiegħu ta' kuljum. Amanda tistqarr ukoll li għalkemm meta kien żgħir Ryan kien dak it-tifel imqarqaċ u xi ftit moħħ ir-riħ, kellu wkoll mumenti fejn kien ikun irid kollox perfett. Meta kienu ħa jiżżewġu, xi jumejn qabel, Ryan qabdu paniku għax beda jaħseb li l-ikel u x-xorb ma kinux se jservuh, tant li kien kellem lil tal-ikel u qallu biex iżidlu, għax beda jaħseb li n-nies mhux ħa jkollhom x'jieklu. Mid-dehra però din kienet xi ħaġa li Ryan kien jixbah lil missieru fiha. Meta jkun ħa jsir xi ħaġa jrid bilfors ikun hemm l-ikel u jrid ikun hemm iżżejjed. Dan ħalli żgur kulħadd jixba'.

Meta żżewġu Ryan u Amanda, it-tieġ tagħhom kien wieħed li baqa' jissemma b'mod partikolari għaż-żfin, qisu bħal donnu ħadd ma ried li jispiċċa u jitlaq. U anki wara li marru d-dar, kemm Amanda u anki Isabelle, oħt Ryan, jiftakru sew li Ryan kien moħħu biex joħdulu l-ikel id-dar... fil-verità meta wasal l-ikel id-dar, Ryan kien diġà raqad.

Fil-ħajja miżżewġa Ryan kien imidd idu u jgħin. Amanda tgħid li meta kien ikollu ċans, kien anki jsajjar, l-affarijiet kienu jsibu ċ-ċans u jagħmluhom flimkien. Meta saru jafu li kien ħa jkollhom tarbija l-ewwel kumment u espressjoni ta' Ryan kien "issa x'ħa nagħmlu?"… ma tantx dam ma nduna x'kellu jagħmel għax Ryan kien missier eżemplari u preżenti ħafna fil-ħajja ta' ibnu. Bla dubju u bħalma dejjem jiġri, meta jaslu t-tfal il-ħajja tinbidel bla ma trid. Kien propju f'dan iż-żmien fejn id-determinazzjoni ta' Ryan uriet l-ikbar riżultat, fil-bidla inkredibbli li għamel fl-istil tal-ħajja tiegħu. Ryan bħalma ħafna jafu kien ipejjep u żaqqu kien iħobbha wkoll. L-ikel ma kontx tiċċajtalu miegħu. Iżda meta ġie Thomas, Ryan kien ħalef li jrid ikun ta eżempju għal ibnu. Minn hemm iddeċida li jagħmel xi ħaġa. L-ewwel ma beda kien bis-sigaretti, dan però wassal biex kompla jżid fl-ikel. Kienet imbagħad meta ġew minn safra fejn kienu kielu mhux ftit u Amanda ddeċidiet li tmur sabiex tieħu parir professjonali fuq l-ikel.









Għall-bidu Ryan ma kien semma' xejn imma mbagħad ddeċieda li jakkumpanjaha…"Jien waqaft wara tliet xhur u hu baqa sejjer". Amanda tiftakar li meta Ryan kien ħa din id-deċiżjoni lanqas hu stess ma basar li ħa jasal fejn fil-fatt wasal. Tant kienet saret parti mill-istil ta' ħajja tiegħu li kien anki jipprova jħajjar lil ħaddieħor, "anki l-kelb tagħna kien isegwi dieta". Amanda u Ryan kienu ġabu kelb sena wara li żżewġu u dan il-kelb, Shylo, kien il-minni ta' għajnejn Ryan. Kien joħorġu kuljum u jieħu ħsiebu daqs li kieku kellu tifel. Kienet saret drawwa li jitla' bil-kelb Ta' Qali fejn kien jiltaqa' ma' xi grupp ta' ħbieb. Kulħadd seta' jara l-kambjament li kien qed jagħmel Ryan u kien għalhekk li darba fost l-oħrajn wieħed minn dawn il-ħbieb avviċinah u qallu sabiex imur jiġri miegħu. Ryan deher li ħa interess mill-ewwel u meta sieħbu qallu li l-*coach* li kellhom trid turih impenn, Ryan ma żammx lura "żgur irrid nagħmilha!". Minn hemm bdiet avventura oħra għal Ryan, dik tal-ġiri. "Kien iffissa u kien jikkompeti miegħu nnifsu biex dejjem ikun aħjar". L-ewwel ġirja tiegħu kienet minn Bingemma għall-Kunċizzjoni, ġirja magħrufa li fiha telgħat u mhux faċli speċjalment meta tikkonsidra li Ryan kulma kien ilu jiġri mal-*coach* kien biss tliet ġimgħat. Kemm Amanda u anke Thomas marru biex jistennewh dieħel lura. Amanda qatt ma basret li Ryan kien ħa jagħmilha f'tant ħin u meta wara nofsiegħa ratu ġej għall-bidu lanqas għarfitu. Thomas u Amanda kienu jmorru kull maratona u kull tellieqa li kien ikollu Ryan, "aħna konna n-*number one supporters*". Kull avventura kienu jħobbu jagħmluha flimkien bħala familja. "Jien kont nagħmel ħilti biex imorru għax anki għat-tifel, Ryan kien eżempju tajjeb".

Ryan anki qabel ma ltaqa' mal-mara tiegħu Amanda kien kif ngħidu, rasu fuq għonqu. Sab min matul iż-żogħżija tiegħu, nies u ħbieb li setaw jiżvijawh għal triq differenti, forsi marbuta ma' xi vizzji. Bħal kull ġenitur, ommu kienet tibża' li jmiss mad-droga speċjalment wara li kien ġie nieqes il-papà tiegħu. Imma Ryan dejjem qal le, kien b'saħħtu biżżejjed biex jagħraf li ma jaqax f'dik il-ħajja. Ryan kien jippreferi xi ċajta kemxejn goffa u daħqa tajba, tant hu hekk li anki kollegi tiegħu fl-Iskwadra ta' Kontra d-Drogi ma jirrakkuntawx episodju li ma jkunx jinkludi lil Ryan u d-daħq.

Deskritt ukoll mill-Uffiċjali tiegħu bħala persuna puntwali, ta' fiduċja u dixxiplinat fix-xogħol, Ryan żgur li ħalla vojt kbir, b'mod partikolari fl-Iskwadra ta' Kontra d-Drogi, però l-memorja friska tiegħu ser tibqa' żgur u meta jiftakru fih ħa jkun dejjem bi tbissima. Sieħbu Clive li wkoll huwa Pulizija, jirrakonta li l-ħbiberija tagħhom tmur lura għal għaxar snin. Jgħid ukoll li ma' Ryan mill-ewwel ma sabx diffikultà, anki minħabba l-fatt li Ryan jaqbad jitkellem malajr u jsib ħafna xi jgħid, allura persuna ħa tħossha komda mill-ewwel. Bniedem enerġetiku ħafna u stajt tafdah b'kollox, persuna li dejjem issibu hemm għal parir. Fejn jidħol xogħol, Clive qalilna li Ryan kien spalla li tista' sserraħ fuqha, "irrid lilu biss miegħi fuq biċċa xogħol u mhux għaxra oħra… għax naf li kif ħa ndawwar rasi ħa nsibu hemm".

"Simpatiku u pożittiv, bilfors taqbel ma' bniedem hekk", dan kliem Oliver, kollega ieħor ta' Ryan fl-Iskwadra ta' Kontra d-Drogi. F'għajnejn Oliver, Ryan ħa jibqa' bħala bniedem kbir. Il-fatt li kien jara lil Ryan ipejjep maż-żewġ pakketti sigaretti kuljum u rnexxielu jieqaf u mhux hekk biss… irnexxielu jbiddel l-istil kollu ta' ħajtu, dik ta' min jammirah u jieħu eżempju minnu.

Fil-verità nista' nibqa' għaddejja u naħseb nieħu l-paġni kollha bir-rakkonti u ħsibijiet ta' persuni li meta ssemilhom lil Ryan ħa jkollhom mhux ftit x'jirrakkuntaw. Ryan tista' tgħid li miss qalb kull wieħed u waħda minnha. Hawnhekk nixtieq nuża frażi li ntqalet minn Fr Raymond waqt l-aħħar ċelebrazzjoni tal-ħajja ta' Ryan – "Meta jmut wieħed minnha, jmut xi ħadt mill-familja tagħna".

Insellmulek Ryan.

magazine.police@gov.mt


CITADEL CINEMA
Victoria - Gozo
BOOK ONLINE AT CITADELCINEMA.COM
OR CALL 2155 9955
Sony Digital Cinema
4K
Adults €6.00
Children (up to 11 yrs) €4.00
Senior Citizens (Mon-Thu) €5.00

ecabs
APP • PHONE • WEB
Bil-prezzijiet fissi ta' eCabs, tista' tgawdi l-vjaġġ tiegħek mingħajr sorpriżi!
Niżżel l-app
Available on the App Store
Google Play
T: 2138 3838
www.ecabs.com.mt

A Window of Opportunity
FIMBANK
Your Corporate Banking Partner
FIMBank p.l.c. is a licensed credit institution regulated by the Malta Financial Services Authority and is listed on the Malta Stock Exchange.



# F'GĦELUQ IL-MITT SENA MILL-BANDA TAL-KORP TAL-PULIZIJA TA' MALTA

**Mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija**

Din is-sena li qegħdin fiha, il-banda tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta qed tagħlaq il-mitt sena mit-twaqqif tagħha. L-idea ta' twaqqif ta' banda fi ħdan il-korp kienet ukoll parti mir-riforma tal-Logotenent Kurunell Henry William Bamford li kienet saret ftit tax-xhur wara l-irvellijiet tas-Sette Giugno 1919. Qabel ġie Malta, Bamford kien l-Ispettur Ġenerali tal-Pulizija f'*Gold Coast*, l-Awstralja, li dak iż-żmien kienet ukoll kolonja tal-Inglizi. F'Awwissu tal-1919, Bamford inħatar bħala t-tlettax-il kummissarju tal-pulizija minn mindu twaqqaf il-korp. Ma' din il-ħatra huwa kellu wkoll ir-responsabilità tal-ħabsijiet li kien hawn f'Malta. Kif għidna kemm-il darba, hu jibqa' l-aktar magħruf minħabba din ir-riforma li għamel, liema riforma kienet tant essenzjali u f'waqtha minħabba li reġgħet ġiegħlet lill-korp jerġa' jibda jiffunzjona b'mod xieraq, wara staġnar li kien għoddu daħal sewwa fih.

Għaldaqstant, hekk kif inhu kalkulat minn raġunijiet loġiċi, esiġenti u dawk loġistiċi; it-twaqqif tal-banda tal-korp nistgħu ngħidu li kien seħħ f'xi perjodu tas-sena ta' wara. Kif wieħed ukoll jista' jimmaġina, l-ewwel ħaġa li kienet saret kien is-sejħa għall-surmast tal-banda li kienet minn barra l-korp. Hawn kien intgħażel Mro Emanuele Magro, is-surmast li kellha l-orkestra tal-*Commander-in-Chief* f'Malta. Ftit wara l-ħatra tas-surmast, kienet saret sejħa għall-bandisti minn fost il-membri tal-korp li għaliha kienu wieġbu tlettax biss. Għalkemm b'numru relattivament żgħir, is-Surmast Magro xorta waħda beda jagħmel il-kunċerti. L-istrumenti li bdew jużaw kienu mill-istrumenti tal-banda tar-riġment Malti li kien għadu kif żbanda. Uħud mill-bandisti ta' dan ir-riġment, il-*Kings' Own Regiment,* ingaġġaw ukoll fil-pulizija; magħhom issieħbu wkoll xi bandisti mill-*Malta Royal Artillery*. B'hekk, in-numru ta'









bandisti tela' għal tletin u dawn kienu jdoqqu f'ċerimonji uffiċjali jew f'kunċerti li kienu jsiru fil-Palazz il-Belt, ġewwa San Anton jew il-Buskett. Kien hemm drabi wkoll fejn daqqet waqt xi funeral.

Imbagħad fi Frar tal-1939, is-Surmast Magro rtira mill-Korp tal-Pulizija fl-età ta' sittin sena u postu kien ħadu wieħed mill-bandisti tal-banda tal-korp, is-Surġent Maġġur Carmelo Brincat. Taħt dan is-surmast, il-banda kompliet tkabbar is-suċċessi tagħha. Xhieda ta' dan kienu l-istennija u l-attendenza numeruża tal-pubbliku kull meta l-banda tieħu sehem f'xi attività jew okkażjoni. F'Awwissu tal-1956 is-Surmast Brincat ukoll kien wasallu ż-żmien sabiex jispiċċa mis-servizz fil-korp minħabba li kien laħaq ukoll l-età ta' sittin sena. Għal xi żmien il-Banda hawn kellha wkoll tissospendi ruħha għal xi ftit minħabba esiġenzi tas-servizz. Fl-1957 il-banda reġgħet riattivat ruħha, din id-darba taħt it-tmexxija tal-Ispettur Vincent Bonnici. Taħt is-Surmast Bonnici l-banda reġgħet bdiet tagħti s-sehem tagħha b'diversi funzjonijiet pubbliċi, parati u attivitajiet oħra. Iżda minkejja li reġgħet qabdet ir-ritmu kif għidna, ġara li hawn ukoll kellha terġa' tiġi xolta minħabba l-istess esiġenzi tas-servizz. Sadanittant f'Ottubru tal-1965, is-Surmast Bonnici inzerta rtira wkoll bil-pensjoni mill-korp.

Aktar tard fl-istess sena, il-banda reġgħet twaqqfet; din id-darba, is-surmast tagħha jkun is-Surmast Vincent Cremona, li kien dam imexxi l-banda sakemm reġa' irritorna bħala surmast l-Ispettur Vincent Bonnici. Fi Frar tal-1973 sfortunatament kien reġa' ġara' l-istess. Għalkemm il-banda kompliet fit-triq tas-suċċess tagħha, fl-istess snin sebgħin kienu bdew jirtiraw ukoll mis-servizz numru ta' bandisti mingħajr ma jidħlu oħrajn flokhom u hawn wassal sabiex il-banda terġa' tiġi xolta.


Trust • Commitment • Expertise
Michael Grech
FINANCIAL INVESTMENT SERVICES
Head Office:
The Brokerage, Level 0 "A",
St Marta Street, Victoria,
Gozo, VCT 2551, Malta
Tel: 2258 7000
Fax: 2155 9199
Malta Office:
95, Fleur de Lys Road,
Birkirkara, BKR 9064, Malta
Tel: 2258 7000
Fax: 2144 1006
Web: www.michaelgrechfinancial.com
Email: info@michaelgrechfinancial.com
Licensed to conduct investment services in Malta
by the Malta Financial Services Authority
as regulated under the Laws of Malta


PINCOTT
SECURITY
Pincott Security Limited
Established 1972
185 Rue D'Argens, Msida MSD 1360, Malta
Tel: 21330200 / 21311683
E-mail: sales@pincottsecurity.com
Website: www.pincottsecurity.com
Time Attendance
and Access Control
Biometric System
Verify FP
006402
Verified!
VP30
14:03
08-08-13
THU
ANVIZ


www.ptl.com.mt
ptl
We can help your
business to go anywhere.
Technical Solutions / Software Engineering / Consulting / InfoSec
We partner with:
vmware
Lenovo
redhat.
Nagios
Microsoft
NCR
IBM
ORACLE
cisco

CAMEL BRAND
FOOD PRODUCTS

*Trade enquiries:*

*Tel: 21466292*

*E-mail: info@camelbrand.com*

*Web: www.camelbrandmalta.com*




Trade Enquiries Tel: 21556695



Kif rajna fuq fuq matul is-snin, il-banda kellha wkoll dawk il-mumenti fejn minkejja li tkun laħqet il-milja tagħha, jinqala' dak li ma jkunx mixtieq u mistenni u jisfaxxa kollox. Jisfaxxaw magħhom ukoll dawk l-isforzi ġenwini u s-sagrifiċċji ta' xi wħud; li sfortunatament jiġri wkoll f'ħafna affarijiet oħra fil-ħajja.



Fil-fatt, is-sena l-oħra fl-2019, il-banda għalqet ħamsa u għoxrin sena mill-aħħar riattivazzjoni tagħha. It-tmexxija tal-banda llum il-ġurnata hija f'idejn l-Assistent Kummissarju Mro Anthony Cassar, li ilu b'din it-tmexxija u d-direzzjoni tal-banda tal-korp mill-1986. Is-Surmast Cassar kien daħal fil-Korp tal-pulizija f'Lulju tal-1986 bħala kuntistabbli. Xahar wara, kien ingħata l-inkarigu tal-banda wara li kienet għamlet xi żmien wieqfa u eventwalment sar is-surmast il-ġdid tagħha. F'April tas-sena ta' wara sar spettur; appuntat supretendent f'Diċembru tal-2009 u assistent kummissarju minn Awwissu tal-2018 'il hawn. Bħalma nafu, taħtu l-banda għamlet diversi kambjamenti li wasslu għall-suċċessi, bi programmi mużikali u l-kunċerti ta' ċertu livell. Dwar dak li seħħ mill-banda tal-korp u partikularment f'dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena ser jinħareġ ktieb għall-okkażjoni ta' dan iċ-ċentinarju.



joseph.q.borg@gov.mt



Carmelo Brincat



Emanuele Magro



Vincent Cremona



Vincent Bonnici



Anthony Cassar

# FL-2020 SE JKOLLNA TIBDIL FL-UNIFORMI?

mill-Ispettur Neville Mercieca – Viċi-President

### Assistenza legali:

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni sabiex infakkar li l-MPA toffri assistenza legali lill-membri tagħha;

1) Każijiet li jissejħu 'crimes' li huma proċeduri dixxiplinarji interni.

2) Tingħata wkoll assistenza 'Parte Civile' f'każijiet fejn membru jisfa vittma u l-aggressur jitressaq quddiem il-Qorti. Dan is-servizz jingħata sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-vittma (Pulizija) qegħdin jiġu mħarsa u mogħtija.

3) F'każijiet fejn membru jisfa investigat jew imputat. F'dan il-każ, l-avukat tal-MPA jrid jiġi ngaġġat.

### Tattoos, leħja u uniformi:

Bħalma tafu, il-Korp tal-Pulizija għamel diskussjoni waqt is-sessjoni *Think Tank* numru 4 rigward 'Tattoos, facial hair u body modification'. Għalkemm jista' jagħti l-każ li jkun hawn ideat varji fuq dawn is-suġġetti, huwa magħruf (għaliex bosta jsiefru) li Pulizija barra minn Malta, speċjalment f'pajjiżi Ewropej huma permessi li jkollhom tattoo kif ukoll leħja.

Dawn, għalkemm forsi mhux gosti ta' kulħadd, juru maturità u progress għaliex il-membru li jkollu tattoo jew leħja għandu jkollu dixxiplina personali li jżomm ma' dak li huwa permess u diċenti, b'rispett lejn il-Korp u l-uniformi.

Għalkemm l-MPA m'għandhiex pożizzjoni uffiċjali komuni fuq dan il-punt għaliex tirrappreżenta membri b'opinjonijiet differenti, tħoss li għandu jsir progress u l-membri tal-Pulizija ta' Malta jgawdu kundizzjonijiet li għandhom sħabhom ġewwa l-Ewropa.

F'Mejju tas-sena 2019, ġie mħabbar li fl-2020 il-membri tal-Korp kien sejjer ikollhom uniformi ġdida, iktar komda u iktar adattata għax-xogħol varju tagħna kif ukoll għall-klima. Din l-aħbar, li nħarġet ukoll fuq il-mezzi tax-xandir ġabet tama ġdida għal ħafna li l-uniformi kurrenti, toħloq inkonvenjent kbir, kemm minħabba l-għamla tagħha, aċċessorji, kif ukoll il-materjal.

Jidher li għalkemm qegħdin fis-sena 2020, m'hemmx żviluppi (sakemm qiegħed jinkiteb dan l-artikolu). Inħeġġu sabiex dawk responsabbli jagħmlu dak kollu possibbli sabiex l-uniformi tal-ġurnata tinbidel.

### Skema ta' prezzijiet speċjali għall-membri tal-MPA:

Il-membri tal-MPA jistgħu jgawdu minn skont meta jagħmlu użu mis-servizzi ta'; **Eurosport** (10% skont), **Body Medics Fitness Club** (skontijiet speċjali), **JACTO Insurance** (10% skont), **Floriana Pharmacy** (5% skont), **Ta' Pinu Pharmacy** (5% skont) u **Thomas Smith Insurance** by Simon Balzan (skontijiet speċjali).

### Sħubija u Miżata:

Huwa importanti li kull membru tal-Korp ikun membru ta' Unjin. Il-mentalità li jekk jiġri xi ħaġa, u dan jgħodd għal kulħadd, u allura m'hemmx għalfejn inħallas il-miżata trid tispiċċa. Is-saħħa tal-Unjin huma l-membri tagħha. Meta aħna nitolbu kundizzjonijiet aħjar, nagħmlu dan f'isimkom. Ikun ferm aħjar li l-membri jkunu jifformaw parti minn Unjin milli kulħadd għal riħu.

It-tesserament fl-MPA għal sena jiswa €20, u dak ta' tliet snin jiswa €50. Membri li jissieħbu għall-ewwel darba, jingħataw estensjoni oħra ta' sena mas-sħubija tagħhom magħna.

Il-miżata tista' wkoll titħallas online permezz tal-website tagħna www.mpa.org.mt.

Il-membri tagħha jistgħu jagħmlu kuntatt dirett magħna permezz ta' Facebook fuq www.facebook.com/maltapoliceassociation, jew website www.mpa.org.mt, jew e-mail exsec@mpa.org.mt jew permezz tal-telefown 2123 2892.

F'isem il-President, is-Segretarju Ġenerali u l-Kumitat Eżekuttiv, nawgura lilkom u l-għeżież tagħkom, l-Għid it-tajjeb.

http://www.mpa.org.mt






# SPTAR TAT-TIENI GWERRA DINJIJA ĠO XELTER FIL-FURJANA

minn Dr Nazzareno Azzopardi - Anastetista

Ftit huma dawk li jafu li ġewwa l-Furjana jeżisti sptar ġewwa xelter kbir taħt il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija li qabel kien l-Isptar Ċentrali ta' Malta.

## Introduzzjoni

Skont ma kiteb it-Tabib Paul Cassar, *The Medical History of Malta London 1964 562*, kien biss fis-sena 1941 li nħass il-bżonn urġenti li taħt l-Isptar Ċentrali, fil-Furjana, l-uniku wieħed fejn kienet issir kirurġija, jitħaffer xelter sptar għaliex l-Italja taħt Benito Mussolini, kienet daħlet alleata tal-Ġermanja (Axis Power) u għalhekk kontra l-Ingilterra u l-Amerika.

Il-Gvern Kolonjali li kien jikkmanda lil Malta kien żgur li Malta ser tiġi attakkata minn ajruplani Taljani minħabba t-tarzna, kif fil-fatt ġara.

Fl-Ewwel Gwerra Dinjija, il-gżejjer tagħna ma batew xejn attakki mill-ajru u għalhekk ma kienx hemm esperjenza ta' kemm huma qawwija l-bombi li jitfgħu l-ajruplani tal-għadu.

Imma fis-sena 1939 l-istorja kienet wisq differenti għax l-ajruplani kienu qed jinbnew b'saħħithom ħafna u kienu kapaċi jġorru bombi qawwija tant li jwaqqgħu l-bini.

B'urġenza kbira ħafna ħaddiema tal-Gvern ġew ordnati jħaffru xelter kbir taħt l-Isptar Ċentrali ħalli waqt attakk mill-ajru jitniżżlu fih il-pazjenti kif ukoll li hemm isfel ikunu jistgħu jsiru operazzjonijiet u l-ommijiet iwelldu t-tfal kemm naturali u kemm b'operazzjoni ċesarja. Għal dan il-għan twaqqaf teatru tal-operazzjoni komplut bi kmamar għall-ħasil tal-idejn u kamra għall-isterilizzazzjoni tal-ħwejjeġ u apparat kirurġiku.

Ħaġa oħra li għamlu fix-xelter kien apparat għat-teħid u żvilupp tal-X Rays. Kamra miksija folji taċ-ċomb twaqqfet ħdejn is-sala operatorja. L-użu taċ-ċomb kien sabiex kull meta jittieħdu X Ray's ma jkunx hemm tixrid ta' raġġi qawwija li jistgħu jikkawżaw kanċer wara ħafna *exposures*.





Skont ma kiteb il-Professur Charles Savona Ventura fil-ktieb *Outlines of Maltese Medical History 1997 51* Malta kienet minn tal-ewwel li użat magni ta' dawn ir-raġġi kemm ġewwa Bighi u l-Imtarfa li kienu sptarijiet tal-militar, kif ukoll l-Isptar Ċentrali. Dawn ir-raġġi msejħa X ray kien sabhom Wilheim Konrad Roentgen fil-Ġermanja fis-sena 1895 u wara sena l-Professur Temi Zammit flimkien ma' Richard Ellis bdew jesperimentaw bihom lokalment. Żgur li fis-sena 1908 kienu bdew jintużaw fl-Isptar Ċentrali.

### Żjara ġewwa l-Isptar Xelter

Kien bis-saħħa tal-ħabib u Direttur tas-Sezzjoni tat-Trasfużjoni tad-Demm, is-Sur Toni Micallef li sirt naf bl-eżistenza ta' dan ix-xelter sptar.

Malajr għamilt dak li qalli Toni u kkomunikajt mal-Maġġur tal-Pulizija, Joe Borg u wara li ottenejt il-permessi meħtieġa wasal il-mument li nżur dax-xelter sptar akkumpanjat mill-Maġġur.

Meta nżilna xi għoxrin tarġa nnutajt li t-taraġ mhux għad-dritt iżda angolat sabiex jekk taqa' xi bomba hemm isfel il-blast tagħha jitmewwet u tonqoslu s-saħħa tiegħu.

Ix-Xelter hu miżmum fi stat tajjeb ferm, imdawwal u bla riħa ta' umdità. Minn żewġ kurituri twal joħorġu kmamar żgħar, li f'xi wħud minnhom għadek issib salib mdendel.

Matul dawn il-kurituri nnutajt żewġ turġien għal fuq, wieħed garigor u ieħor tal-metall ħalli jservu ta' ħruġ fil-każ li tinqala' emerġenza għax jaqa' xi saqaf minħabba l-bombi.

L-iktar ħaġa li impressjonatni kienet li fuq xkaffa hemm fliexken tal-ħġieġ li għad fihom likwidi bħal etere u kloroform, li kienu jintużaw għall-għoti tal-loppju kemm dak iż-żmien u kemm għal ħafna snin wara. Min jaf kemm użajthom dawn il-likwidi anestetiċi meta kont għadni nraqqad pażjenti qabel xi operazzjoni f'xogħli ġol-isptar San Luqa.

Għalkemm għaddew fuq sebgħin sena dawn il-likwidi anestetiċi għadhom jidhru u jinxtammu li għadhom tajbin.

Fuq xkaffar hemm ukoll diversi *steriliser drums* li kienu jservu ħalli kemm il-ħwejjeġ tal-kirurgu u wkoll *dressings* jiġu merfugħin fihom. ✠


THE FIVE STAR TREATMENT
TO YOUR FURRY LOVED ONES!
At the Tat-Targa Kennels and Grooming we guarantee a five star treatment to your pets, offering an astounding clean, hygienic and comfortable kennels and catteries, making sure we keep your loved ones happy and secure.
Tat-Targa Boarding Kennels
Tat-Targa Grooming Parlour
Tat-Targa Kennels and Grooming, Triq Wied Filep, Naxxar, NXR 6710
T. 2157 3081 M. 7970 2326 E. tattargakennels@hotmail.com www.tattargakennels.com
ARDEN GRANGE
Safe4
TAT TARGA
KENNELS & GROOMING


BRIDGE POINT
BRIDGEPOINT SHOWROOM, OLD RAILWAY TRACK, ST VENERA
2792 2222 // WWW.BRIDGEPOINTMALTA.COM


econetique.
sinclair
AIR CONDITIONERS
A+++
Efficiency
WIFI
Control
5 years
Full Warranty
Call us for a
free quote !
Qormi - Xewkija Gozo
www.econetique.com
t: 21569006

Jayden Farrugia
7 snin




Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

# AVVENIMENTI U INFORMAZZJONI

***Police Christmas Football Tournament 2019***

Nhar il-15 t'Ottubru, ġewwa l-Infetti Grounds Birkirkara, ingħata bidu għat-*Tournament* Annwali tal-Futbol li tant ikun mistenni mill-membri tal-Korp. Din is-sena l-Kumitat Sportiv iddeċieda sabiex jibdel il-format tat-*tournament* u jintlagħab 7 a-side minflok 5 a-side kif kien isir fis-snin ta' qabel. It-timijiet li ħadu sehem f'dan it-*tournament* kienu 20 b'kollox iżda fl-aħħar ħinijiet 2 timijiet, ċioè tal-5 Distrett u tad-9 u l-10 Distrett iddeċidew li jinqalgħu minn dan it-*tournament* minħabba nuqqas ta' interess.





Bħal kull *tournament* li jsir, il-kompetizzjoni kienet waħda akkanita ħafna. Iżda rebbieħ wieħed jista' jkun hemm u dis-sena kien it-Tim tas-*Security Branch* li rebaħ il-finali kontra it-Tim tal-Vice / Drugs Squad bl-iskor ta' 5-2. Intlagħbet ukoll il-logħba għat-tielet u r-raba' post bejn is-7 Distrett u t-8 Distrett fejn is-7 Distrett rebħu bl-iskor ta' 1-0. Minn hawn il-Kumitat Sportiv jixtieq jifraħ lir-rebbieħa bis-suċċess li wettqu.

B'dispjaċir kbir ikollna nsemmu ċertu fatti li ħallew nota ħażina fuq dan it-*tournament*. Il-Kumitat Sportiv bħalma kulħadd jaf, hu magħmul minn membri tal-Korp, li jiġu kollegi ta' kull min ħa sehem f'din l-attività. Iżda n-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn l-istess membri tal-Kumitat minħabba xi deċiżjonijiet li kellhom jittieħdu sabiex dan it-*tournament* iseħħ, qabeż il-limitu. Wieħed għandu japprezza l-ħidma u s-sagrifiċċji li l-membri tal-Kumitat jagħmlu sabiex kollox jimxi sew. Dan in-nuqqas ta' rispett intwera wkoll f'ċertu logħbiet lejn ir-*referees* b'diskors offensiv li sar fil-konfront tal-istess *referees*, li huma wkoll membri tal-Korp. Żgur mhux forsi, xi ħaġa ser issir sabiex ma jerġgħux iseħħu dawn il-fatti u jekk ikun hemm bżonn, dan it-*tournament* jiġi sospiż darba għal dejjem. Kienu ħafna li għollew il-vuċi, iżda kienu wisq ftit li skużaw ruħhom.


CARINI
Bathrooms & Tiles
435, St. Joseph High Road
St. Venera
tel: 21440202 | 21449641
floor tiles: 21482849
www.carinibathrooms.com


Protection For Your Home, Business & Investment 24/7
BEST PRICES GUARANTEED
• High Resolution CCTV Systems (Viewed Also From Mobile Phone)
• Intruder Alarm Systems • Fire Alarm Systems
• Access Control Systems • Video / Audio Hall Porter Systems
• Combined PIR Detector & Pin Hole Camera • Stand Alone DVRs
• Time Recorders & Systems (Punch Clocks)
• Office Data Communications
P D Security Installations
25 Triq il-Bennej ,Mosta MST 1641
Mob: 7981 9905 / 9944 5356
info@pdsecuritymalta.com
www.pdsecurityinstallations.com
www.pdsecuritymalta.com


Eco
EU Ecolabel
www.ecolabel.eu
Green Cleaning
WJPE are now stocking EU Ecolabel products. The EU Ecolabel is a label of environmental excellence that is awarded to products and services meeting high environmental standards throughout their life-cycle. Our green products care for the environment and care for your children.
For more information, contact us on 2123 7175 or email us at info@wjpecommercial.com
W.J. Parnis England
Commercial Division
www.wjpecommercial.com
Green Crystal
Green Cleaner
Green Dishwasher
Green Toilet

## *MESA BEACH VOLLEY,* PRETTY BAY, BIRŻEBBUĠA

Il-*Malta Employees Sports Association* (MESA) organizzat żewġ *tournaments* tal-*Beach Volley* fi Pretty Bay, Birżebbuġa, li fihom ħadu sehem xejn anqas minn għaxar timijiet, jiġifieri sitt timijiet fil-kategorija *Men's Doubles* u erba' timijiet fil-kategorija *Ladies Doubles*.

It-timijiet fil-kategorija tal-irġiel ġew maqsuma f'żewġ gruppi fl-ewwel fażi, jiġifieri tliet timijiet f'kull grupp, bl-ewwel tnejn jgħaddu għas-semi finali. It-timijiet fi Grupp A kienu l-*Education Department*, l-Università ta' Malta u Police A, filwaqt li fi Grupp B kien hemm Ferratum Bank, il-Forzi Armati ta' Malta u Police B.

Iż-żewġ timijiet tal-Pulizija kategorija rġiel li kienu ffurmati minn Ps 4 A. Bellia, Pc 1249 R. Cassar, Pc 1404 D. Cassar u Pc 1361 B. Magri pparteċipaw f'din l-attività għall-ewwel darba. Ta' min jgħid li l-livell kien wieħed għoli ħafna, u r-riżultati jitkellmu waħedhom:

| **Grupp A** | | |
|---|---|---|
| Education Dept vs Police A | 15-5 | 15-6 |
| Università ta' Malta vs Police A | 15-5 | 15-9 |
| Education Dept vs Universita ta' Malta | 15-7 | 15-11 |

| **Grupp B** | | |
|---|---|---|
| Ferratum Bank vs AFM | 15-2 | 15-5 |
| AFM vs Police B | 15-5 | 15-9 |
| Ferratum Bank vs Police B | 15-5 | 15-4 |

Fil-kategorija tan-nisa, Wpc 392 M. Grech, li kienet l-unika Pulizija mara li pparteċipat f'din l-attività, ingħaqdet mat-Tim tal-IRD u r-riżultati kienu dawn:

| | | |
|---|---|---|
| Education Dept vs VistaJet | 15-9 | 15-8 |
| Education Dept vs IRD/Police | 15-2 | 15-6 |
| IRD/Police vs Mr Green Gaming | 5-15 | 7-15 |
| VistaJet vs Mr Green Gaming | 10-15 | 9-15 |

L-MPSC tixtieq tirringrazzja lil dawn il-membri li dejjem ħadu l-interess meħtieġ sabiex jieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet.






***Polrun***

Nhar is-26 ta' Diċembru, saret il-ħames edizzjoni tal-ġirja *Polrun*, li bħala avveniment sar wieħed mistenni minn diversi parteċipanti, tant li f'din l-edizzjoni ħadu sehem aktar minn 350 ruħ. Ir-rotta ta' din il-ġirja hija ferm sabiħa, peress li ssir fi Triq il-Kosta, ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq u twila ħames kilometri. Bħal kull edizzjoni, il-flus li jitħallsu għall-parteċipazzjoni jmorru għall-*Community Chest Fund*, u din is-sena nġabret is-somma sabiħa ta' €3500.

Din l-edizzjoni kienet waħda partikolari peress li ftit żmien qabel ħalliena Pc Ryan Tonna, li kien wieħed mill-membri li kien jipparteċipa regolarment f'din l-attività. B'hekk ħafna membri ħadu sehem sabiex jonoraw it-tifkira tal-kollega tagħna u anke saret ġabra biex jiġu megħjuna l-familjari tal-ħabib tagħna Ryan minħabba l-ispejjeż li kellhom jaffaċċjaw. Ir-rebbieħ ta' din l-edizzjoni kien Pc 376 Andrew Grech, f'ħin ta' 16.08.

L-MPSC tixtieq tirringrazzja lil kull min għen u anke lil kull min ħa sehem sabiex dan l-avveniment iseħħ. L-MPSC tixtieq tirringrazzja wkoll lill-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta, Dr George Vella kif ukoll lill-eks Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar li kienu preżenti fl-għotja tal-premjijiet lir-rebbieħa ta' dan l-avveniment.




GODWIN'S GARAGE
ALL SPECIFICATIONS FOR YOU TO CHOOSE FROM
Godwin`s Garage is the largest vehicle rentals and leasing company in Malta with more than 400 commercial vehicles, scissor lifts, platforms, boom lifts and cherry pickers
Tel: (356) 2137 7007 / 2142 4771 /1/2/3
Mobile: (356) 9949 2584 / 7947 8990 / 7944 4915
www.godwinsgarage.com
email: godwin@godwinsgarage.com


Homemate
Malta's Largest Home Improvement Store


MEDITERRANEAN BUILDING FINISHES LTD
Living Experience
PLASTERING
PAINTING
GYPSUM BOARDS
SCAFFOLDING
RESTORATION
INSULATION
FLOOR SCREEDS
TURNKEY
t: 21374454
m: 99054321 / 99493086
e: info@mbfmalta.com
w: www.mbfmalta.com
Do you want better protection from cold and heat and to reduce consumption at the same time?
Thermally insulate your house and save up to 25% on your electricity bills.
Superbrands
Malta's Choice


ATTRANS
International Transport
Groupage & Full load Movements, Freight Forwarding, Temperature Controlled Logistics, Car Transport Services & Warehousing.
Offered to and from any European Destination, Asia & North Africa.
ATTRANS
attrans.com
DAF
OFFICES IN MALTA - ITALY - THE NETHERLANDS - SLOVENIA
Attrans Limited.
Attrans Depot, Mdina Road, Żebbuġ ZBG 9018, Malta.
Tel: +356 2258 5500
Email: info@attrans.com
facebook.com/attrans
attrans.com


Move with safety, ship with ease!
To all parts of the world to/from Malta by road, trailer, door to door weekly service. We provide packing • storage • shipping • air freight • insurance for personal effects • antique furniture • works of art & commercial goods.
IAM
International Association of Movers
CSQM Certified Service Provider
TransPak
OVERSEAS REMOVALS LTD
INTERNATIONAL MOVING & FINE ARTS
326/328, Zabbar Road, Fgura FGR 1013 – Malta.
tel: +356 21 821 166, 21 663 081, 21 317 580 fax: +356 21 800 350
e-mail: william@transpakmalta.com or transpak@digigate.net


BOOST
PREMIUM QUALITY DIESEL 55 60
ASK FOR BOOST
AT YOUR NEAREST SERVICE STATION
REGISTER TO BENEFIT
www.boostdiesel.com



## *Commissioner's Cup*



Nhar it-30 ta' Diċembru, ġewwa l-Football Ground ta' Ħ'Attard, intlagħbet il-logħba bejn it-Tim magħmul minn membri tal-Korp kontra t-Tim magħmul minn Fizzjali tal-Korp sabiex jikkontendu l-*Commissioner's Cup 2019 Edition*, fejn wara snin nieqsa mis-suċċess, b'sorpriża l-Fizzjali għelbu lit-Tim tal-membri tal-Korp bl-iskor ta' 4-3. Kienet logħba ferm missielta iżda b'difiża ferm soda. Il-fizzjali wrew determinazzjoni qawwija sabiex jiksbu dan is-suċċess.

L-MPSC tixtieq tirringrazzja lil kull min ipparteċipa, u b'mod speċjali lill-eks Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar li kien preżenti għall-għoti tat-Tazza.



*MPSC Sports Awards*

Nhar is-27 ta' Diċembru, ġewwa l-'Games Room' fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, saret għall-ewwel darba l-'MPSC Sports Awards', li tikkonsisti f'ċerimonja u għotja ta' premjijiet lill-membri li ddistingwew ruħhom fil-kategorija sportiva rispettiva tagħhom matul is-sena 2019. Fil-preżenza tal-Onorevoli Ministru Michael Farrugia, l-eks Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar u s-CEO s-Sur Angelo Gafà, diversi premjijiet tqassmu bħala turija ta' apprezzament lill-atleti fi ħdan il-Korp, li fost ħafna sagrifiċċji li jagħmlu, irnexxielhom jiksbu riżultati ferm tajbin.

Dawn kienu Pc 376 Andrew Grech (Atletika), Spettur Daryl Borg (Crossfit), Pc 436 Charles Degiorgio ( Powerlifting), Wps 173 Elisia Scicluna (Weightlifting), Pc 1537 Paul Falzon (Martial Arts), Wpc 295 Rachel Borg u Wpc 1 Janice Xuereb (Football). Fl-istess ċerimonja ngħataw anke t-Tazzi tal-*Police Football Christmas Tournament*, bir-rebbieħa kienu t-Tim tal-SB, u t-Top Scorer ta' dan it-*tournament* kien Pc 123 Roderick Vassallo mit-taqsima tal-*Counter Terrorism Unit*.




mpsc.police@gov.mt




TAL-MAGHTAB
CONSTRUCTION
BUILDING TOWARDS A BETTER FUTURE
DEMOLITION | EXCAVATION | ROAD WORKS | CONSTRUCTION
email: info@tmc.com.mt
00356 21422003 | 00356 99439191


We are Quality
The Resin and Membrane Centre
Professional waterproofing systems
Discover our range of professional waterproofing materials
now also available for the do-it-yourself enthusiast
www.theresincentre.com 27477647


Kee Klamp
STRUCTURAL FITTINGS
for 1001 uses
Kee Klamp jointed Tubular Construction
Kee Klamp jointed Storage Racking
Kee Klamp jointed Guard Railing
Kee Guard Roof Edge Protection
Hiring of KEE KLAMP jointed Mobile Access Towers, Trusses, Staging, Event Structures, Platforms, Hoarding, Spectator Grandstands, etc.
www.keesafety.co.uk
JOSEPH F. SPITERI & CO. (1927) LTD.
ENGINEERS & CONTRACTORS
121, Marina Street, Pieta' PTA 9043 E-mail: ozzi@jfspiteri.com.mt
Tel: 21 24 66 70 Mob: 99 49 05 38


PRESCO
SCAFFOLDING COUPLERS
www.presco.co.uk
Revvo
Scaffold Castors
www.revvo.co.uk

**Swaey Bros Ltd**
**Malta**

Swaey Bros Ltd has been selling and hiring cranes since 1983. The company has vast experience in many small to large-scale projects. Apart from other services, Swaey Bros Ltd is also the sole agent of hydraulic equipment parts of many renowned brands.




- Crane Fleet ranging from 25 to 200tons
- Specializing in Boat Lifting & Transport
- Self Erecting / Static Tower Crane; Sales, Rentals, Erection and Dismantling.
- Safe Load Indicator installations
- Radio Remote Controllers suitable for various industrial applications
- Repairs on all types of Hydraulic Equipment
- Mobile Machinery Sales
- Wide range of Lifting belts, Chain slings,
- Wire ropes and Accessories.

**"Vella Garage" Notabile Rd,**
**Il-Blata l-Gholja, Mosta MST 11**
**Tel: +356 21416163 / 21433380,**
**Fax +356 21413115 Mob: +356 99492362.**
**www.swaey.com email: swaey@swaey.com**

**ENTRAL CEMENT LIMITED**
*Incorporating* **Jumbo Bags Ltd.**



**Importers & Suppliers of:**
- Bulk Cement (portland, high-sulphate resistant, pozzolanic)
- Packed Cement in bags of 1500kg, 50kg & 25kg
- Different Types of Cement (grey & white)
- Sand & gravel in bulk (dolomite, limestone, basalt, silica etc)
- Gypsum in bags & other building materials

FOR BEST QUALITY & SERVICE

Office: 21 232 920 / 21 667 050
Office: 99 497 023 / 99 992 920
Office: 21 221 659

Silo Mobile: 99 064 033
Silo Mobile: 99 431 787




'CemHouse', National Road,
Blata l-Bajda HMR 9011
admin@centralcementltd.com
www.centralcementltd.com

**BALLUT BLOCKS**

**Ballut Blocks Ltd.** Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21572666,21576419, 21487738 Fax: (356) 21575562 E-Mail: ballut@ballutblocks.com

Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.

**FROM STRENGTH TO STRENGTH**
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY




GPC Concrete Solutions
**General Precast Concrete Ltd** Hal Far Industrial Estate
Tel: (356) 21653802, (356) 21653005 Fax: (356) 21659536 E-Mail: info@generalprecastconcrete.com

www.ballutblocks.com




# NITKELLMU MAS-SUPRETENDENT IRTIRAT JOSEPH M. AZZOPARDI

**Intervistat minn Martin Pace. - It-Tieni Parti...**

## Malta Association of Retired Police Officers

Ġie promoss għal Spettur fl-14 t'Awwissu 1978 u ġie stazzjonat Ħaż-Żebbuġ. Wara tliet xhur sab postu fl-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji u s-CID. Huwa attenda korsijiet ma' *Drug Enforcement Agency* u l-*Coast Guards* Amerikani li kienu jsiru f'Malta u fis-sena 1979 attenda kors fil-*Lancashire Police Academy, UK*. Irrakkonta li filli kien qiegħed jipprattika għall-parata tal-Pulizija għal Jum il-Ħelsien tal-31 ta' Marzu 1979 u fi żmien 24 siegħa beda triqtu lejn Lancashire, UK mingħajr ma kellu fejn joqgħod għall-ewwel lejl u kellu jsib lukanda fejn jorqod huwa stess. Kien membru tal-banda *Waddywaddy* li kienu ġew Malta għaċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Ħelsien.

Bħala Spettur kien involut fil-każ tal-qtil ta' Ġanni Lepre, fejn ċertu Edwin Ċioffi kien ta ruħu b'idejh lil Pulizija, però xorta riedu jsiru l-investigazzjonijiet kollha sabiex huwa jkun jista' jiġi akkużat u mixli l-Qorti. Is-Sur Azzopardi rrakkonta wkoll każ ta' sejbien ta' tifel ta' xi 8 snin mgħarraq f'bir. Dan l-episodju għadu jimpressjonah sal-ġurnata tal-lum. Jgħaddi kemm jgħaddi żmien għadu jħoss il-konsegwenza ta' dan il-każ traġiku.

Bħala Spettur, is-Sur Azzopardi jiftakar każ interessanti ħafna ta' traffikar ta' droga minn Malta lejn l-Awstralja. Dan il-każ kien jinvolvi Maltin li qabel kienu l-Awstralja flimkien ma' grupp ta' Awstraljani. Konsegwenza ta' dan kellu jitla'

jixhed l-Awstralja darbtejn. Darba minnhom f'ġimgħa mar l-Awstralja u ġie lura Malta. Każ ieħor kien jinvolvi l-istess nies f'Malta. Kien interċettat ċilindru tad-*diving* li ġo fih irriżulta li kien hemm 2.18kg ta' eroina pura. Dan il-każ spiċċa quddiem il-Qorti f'Malta.

L-Ispettur Azzopardi attenda għal *CID Investigations Course f'Bishopgarth, Wakefield*, fl-akkademja tal-Pulizija tal-*West Yorkshire Metropolitan Police, UK*. Peress li l-liġi Maltija hija differenti minn dik Ingliża jew pajjiżi tal-*Commonwealth* kienet aktar diffiċli biex tlaħħaq mal-istudenti l-oħra fl-istess kors. B'dan kollu fl-aħħar tal-kors l-Ispettur Azzopardi rnexxielu jirbaħ il-*Law Quiz* għall-istudenti barranin fejn ġie ppreżentat bi plakka bħala r-rebbieħ fl-aħħar ċerimonja organizzata għall-okkażjoni. Din il-plakka ġiet ippreżentata mid-*Deputy Chief Constable* li kien inkarigat mill-investigazzjonijiet tal-*Yorkshire Ripper*. Kien hemm preżenti fost oħrajn ukoll iċ-*Chief Constable tal-West Yorkshire Police*.

Nhar il-31 t'Awwissu 1988 huwa nħatar Supretendent. Ġie inkarigat mill-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji. Wara huwa għamel xi żmien inkarigat mill-Iskwadra ta' Kontra l-Frodi u l-aħħar sentejn serva bħala Supretendent tas-*Central District* (Ħamrun). Mistoqsi rigward l-inċidenti li kienu nqalgħu l-Ħamrun f'jum il-festa wara l-marċ ta' San Gejtanu f'Awwissu 1987, is-Sur Azzopardi jgħid li dak iż-żmien kien għadu Spettur is-CID. Wara investigazzjoni twila huwa kien irnexxielu jtella' l-Qorti nies li kienu involuti f'dan l-inċident pjuttost goff. Wara dan kien sar ftehim bejn il-każini tal-baned li għadu jgħodd sal-lum. Dik il-ġurnata baqgħet magħrufa għall-istatwa ta' Luteru li niżlet għarkupptejha.

Bħala Supretendent tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga bdew jissuspettaw li d-droga kienet dieħla f'Malta minn persuni li kienu jaslu Malta mill-kontinent Afrikan. Jiftakar li l-ewwel persuna li ġiet interċettata u ttieħdet l-isptar sabiex jitteħdilha X-Ray irriżulta li fl-istonku tagħha kellha numru konsiderevoli ta' kapsuli li rriżultaw li kienu mimlijin bid-droga eroina. Każ ieħor kien ta' mara b'tarbija li fil-parti t'isfel tat-thermos, bl-ikel tat-tarbija tagħha, nstabet borża mimlija bid-droga. Iż-żewġ persuni ġew imressqa l-Qorti u kkundannati għall-ħabs.

Mistoqsi rigward l-akkwati tal-pjazza tal-Ħamrun fejn hemm l-għassa, is-Sur Azzopardi stqarr li l-problema dak iż-żmien ma kinitx daqshekk gravi, iżda s-subalterni m'għandhomx joqogħdu jistennew l-ordni tas-superjuri sabiex jaraw li jkun hemm l-ordni fl-inħawi. L-aktar rinomat dak iż-żmien kien il-logħob illegali.

Wara 25 sena servizz ħass li sehmu kien għamlu u wara li beda jinnota li d-dixxiplina interna u r-rispett tal-Korp kienet qed tillaxka, iddeċieda li jsellem għall-aħħar darba l-uniformi nhar l-4 ta' Settembru 1992.

Kien ta' pjaċir għalina li mart is-Sur Azzopardi kienet miegħu waqt l-intervista. Joseph u Ġemma żżewġu fl-1972 u jiftakru li fit-tieni ġurnata wara l-qamar il-għasel kellu jagħmel tlitt ijiem infila ma jersaqx lejn id-dar, għax inżamm l-għassa minħabba l-ġuri ta' Cachia Zammit. Il-koppja Azzopardi għandhom tlitt itfal, tnejn subien u tifla u huma nanniet ta' ħamsa.

Ġemma stqarret li meta fl-1981 twieldet it-tifla, kif irritornaw lura lejn id-dar mill-isptar ċemplulu sabiex jidħol xogħol fuq serqa ta' *safe* tal-Fobcol fil-Kalkara, u għamel ġimgħa mingħajr ma jara lill-familja. Għalkemm il-ħinijiet kienu mid-9am-1pm u mill-5pm-9pm barra li jkollhom doveri oħra, il-ħinijiet fis-sezzjoni tas-CID kienu ferm u ferm itwal. It-tfal bilkemm kienu jaraw lil missierhom u dejjem kienu jsibu lil ommhom biss. Joseph għadu sal-lum iħallas il-prezz qares għax it-tfal lil ommhom baqgħu jfittxu. Ġemma qaltilna li żewġha kien l-arrestat u mhux lil min kien qed jinvestiga.

Wara li rtira kien attiv fl-Assoċjazzjoni tal-Pulizija Pensjonanti fejn serva bħala President għal snin twal fi żmien l-eks Maġġur Ġiġi Muscat u oħrajn. Dak iż-żmien l-aktar suġġett li kienu jitħabtu għalih kienu l-kundizzjoni tal-pulizija pensjonanti u fost oħrajn il-midalja għal Servizz Twil u Effiċjenti li qatt ma ġew iddekorati biha. Kien bis-saħħa tal-Kummissarju Peter Paul Zammit li wara li ġiet emendata l-liġi, kien talab li tingħatalu u kien l-ewwel persuna flimkien ma' ftit pensjonanti oħra li ġew rikonoxxuti bl-għoti ta' din il-midalja.

Rigward ċertu xogħol tal-lum tal-pulizija, Joseph stqarr li wara li kien attenda l-kors fl-Ingilterra fis-sena 1980 huwa kien għamel rapport rigward *Community Policing* li fl-Ingilterra beda jinħass in-nuqqas tiegħu. Il-Pulizija kienet ġiet qisha servizz tal-*Fire Engine* minn post għall-ieħor u dak tal-bejniet ma jiġix innutat. Dan kien beda jinħass anke lokalment għax il-pulizija mill-għassa tmur għalfejn jiġi rrappurtat il-bżonn tal-preżenza tal-pulizija bil-vetturi u n-nuqqasijiet li jsiru bejn iż-żewġ postijiet ma jiġux innotati aħseb u ara jittieħdu passi. Huwa ta' sodisfazzjon li llum il-Mellieħa qed tgawdi minn dan is-servizz ġdid. Mistoqsi jekk fl-Akkademja tal-Pulizija uffiċjali rtirati għandhomx jiġu mistiedna biex joffru l-esperjenzi tagħhom huwa jaħseb li fil-fehma tiegħu ċertu fizzjali fadlilhom esperjenzi x'joffru kemm lill- Pulizija ġodda kif ukoll bħala komunità.

Wara li rriżenja mill-Korp ħadem ma' *Portanier Brothers Ltd* għal 7 snin oħra u għadu jiġi nnominat bħala Espert Tekniku tal-Qorti fuq każi ta' serq u okkorrenzi simili. Huwa għadu jokkupa l-pożizzjoni ta' Segretarju Onorarju tal-Alleanza ta' Organizzazzjonijiet tal-Pensjonanti, u tal-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti u Viċi President tas-Soċjetà San Pawl u Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat. Huwa jservi wkoll bħala *Deputy Chairman* tal-Bord ta' kontra l-Korruzzjoni tal-*Malta Football Association*.

Nirringrazzja lill-koppja Azzopardi tal-ospitalità f'darhom u nawgurawlhom kull ġid u barka. L-aħħar messaġġ tas-Sur Joseph M. Azzopardi kien lejn il-Pulizija tal-lum u dawk aspiranti. "Kunu onesti u leali lejn xogħolkom u lejn il-Korp tal-Pulizija u tkunu kuntenti u ma tagħlu qatt".

## Il-Laqgħa Ġenerali Annwali

Nhar il-Ħadd 24 ta' Mejju 2020, se tinżamm il-Laqgħa Ġenerali Annwali ġewwa l-Menqa, fl-10.00 ta' filgħodu.

## MIŻATA

Il-ħlas dovut huwa ta' €5 fis-sena. Dan jista' jsir b'ċekk pagabbli lill-MARPO u impustat f'dan l-indirizz: MARPO, P.O. BOX 36, Birkirkara, jew fl-Uffiċċju tal-Għaqda ġewwa l-Menqa kull nhar ta' Tnejn bejn id-disgħa u nofsinhar, jew id-Depot ġewwa l-uffiċċju tas-Surġent Joe Mamo. Filwaqt li f'Għawdex jista' jsir l-uffiċċju tal-Għassa tar-Rabat.

## Ħarġa għal Għawdex

**Żommu d-data tas-Sibt 25 t'April 2020 għal ħarġa oħra għal Għawdex.**
**Għal aktar dettalji ċempel...**
**John Mizzi - 7944 4673 - Albert Polidano - 7986 1002**


JCR
IMPORTS LIMITED
info@jcrimports.com.mt • www.jcrimports.com.mt
YOUR PARTNER IN CONSTRUCTION


mangion brothers zurrieq ltd
Valletta Road, Zurrieq ZRQ 9010
Tel: 21649590 – 21642649
Mob: 79492624/5
e-mail: mangionbrothers@gmail.com
• Building Construction • Concrete Mix • Concrete Blocks
• Concrete Pump Hire • Excavation Works


MCE
Your Toolroom Partner
DORMER PRAMET
Mitutoyo
FERVI PRO SMART EQUIPMENT
IZAR CUTTING TOOLS
ARCONIC Innovation, engineered.
Tel: 21486213, 21441275
Email: info@mcemalta.com
MCE Limited, Zone 5, Triq L-Industrija, Central Business District, Ħal-Qormi

# INTERNATIONAL POLICE ASSOCIATION – MALTA SECTION

## The IPA Travel Form




All IPA members who would like to meet other IPA members across the world can use the IPA Travel Form which may be downloaded from www//ipamalta.com. Ideally a member applies with the respective Section at least three months ahead in order to avoid inconvenience to other countries. Last year (2019) IPA member Janet Zammit booked a visit to the United Kingdom, by contacting the Section UK in order to carry the necessary arrangements and meet the IPA committee members. On December, she flew to London together with her nephew, where they met the British Transport Police. The BTP took them to a nearby Police Station where she also invited to join for their IPA meeting. The meeting was held through a Skype call, since members of the committee reside in different parts of the UK. Usual exchange of police patches and other gifts took place followed by a drink at Oxford. It was a great experience for both Janet and her nephew to meet new people through the IPA.

ipamalta@gmail.com






# Obitwarju



Ex PC 531 John Mula
1960 – 2019
1989 – 2016



Ex Supt Anthony Borg
1947 – 2019
1966 – 1999



Ex PC 622 Reginald Pisani
1933 – 2019
1956 – 1980



Ex PC 699 Charles Caruana
1945 - 2019
1967 - 1981



Ex PC 1353 Alfred Gauci
1937 – 2019
1979 – 1998



Ex PS 428 Nazzareno Calleja
1944 – 2019
1963 – 1986



PC 1002 Alfred Sciberras
1960 - 2019
1993 - 2019
(serving)



PC 773 Ryan Paul Tonna
1983 – 2019
2002 - 2019
(serving)



PC 282 & 292 Anthony Farrugia
1964 - 2020
1982 - 1989 & 2014 - 2020
(serving)



Ex PC 877 Joseph Frendo
1932 - 2019
1953 - 1980



Ex PS 1354 Edward Grixti
1947 - 2019
1976 - 2003



Ex PC 1535 Emmanuel Cachia
1955 - 2019
1988 - 2014




**BOV INVESTMENT FUNDS**

**2122 7311**
**bovassetmanagement.com**

BOV Branches/Investment Centres
& Licensed Financial Intermediaries

BOV ASSET MANAGEMENT
A MEMBER OF THE BOV GROUP

Past performance is not necessarily a guide to future performance. The value of the investment can go down as well as up. Investments should be based on the full details of the Prospectus, Offering Supplement and the Key Investor Information Document which may be obtained from BOV Asset Management Limited, Bank of Valletta p.l.c. Branches/Investment Centres and other Licensed Financial Intermediaries. BOV Asset Management Limited is licensed to provide Investment Services in Malta by the MFSA. The BOV Investment Funds is a common contractual fund licensed by the MFSA as a collective investment scheme pursuant to the Investment Services Act and the UCITS Directive.

Issued by BOV Asset Management Limited, registered address 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Tel: 2122 7311, Fax: 2275 5661, Email: infoassetmanagement@bov.com, Website: www.bovassetmanagement.com. Source: BOV Asset Management Limited.



BOV INVESTMENTS

# INVEST NOW
# **INVEST FOR LIFE**

Investing in your future starts today. Get in touch with any BOV Branch or Investment Centre to learn more about our investment solutions.

Our BOV Investment Centres
Bir id-Deheb | Gżira | Mosta | Qormi | Valletta | Gozo

**Talk to us | 2131 2020 | bov.com**

Investment returns can go down as well as up and past performance is not necessarily a guide to future performance. Changes in the rate of exchange currencies may also affect the value of your investments. Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of investment in terms of the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta).

BOV
Bank of Valletta